**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 7**
**Rik. Gur. Nru. 696/11 JZM**

**John Abela (karta tal-identita` numru 369753M),**

**Emanuel Abela (karta tal-identita` numru 61649M)**

***u* Anthony Abela (ID 418655M)**

***kontra***

**Doris Abela (ID 28648M)**

***u***

**Central Cement Limited (C6108)**

***u***

**b`digriet moghti fl-20 ta` Ottubru 2015 George Abela (ID 604137M), Jesmond Abela (ID 436967M) bhala prokuratur tal-assenti**

**ohtu Francesca (Numru tal-Passaport Malti 552987) mart Carmelo sive Charles Gatt, Mariella (ID 137068M) mart Raymond Sant u Nathalie Abela (ID 68169M), ulied Carmelo Abela, gew awtorizzati jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat fl-<u>20 ta` Lulju 2011</u> li jaqra :–

*1. Illi l-atturi, l-imsemmija ahwa John, Anthony u Emanuel Abela flimkien ma` huhom, il-mejjet Alfred Abela, kienu jahdmu flimkien bhala burdnara u haulage contractors u flimkien u fi kwoti ndaqs bejniethom kellhom diversi assi, notevolment fost dawn l-assi, l-ishma tas-socjeta` CAEJA Abela Bros. Limited, izda wkoll propjetajiet u investimenti ohra, ditenuti kommunament fi kwoti ndaqs bejniethom b`dan pero` illi whud minn dawn l-assi kienu rregistrati f`isem wiehed jew aktar mill-imsemmija ahwa ghalkemm kienu jappartjenu, kif inghad, lill-istess ahwa fi kwoti ndaqs;*

*2. Illi l-atturi John, Anthony u Emanuel, ahwa Abela, kienu flimkien mal-mejjet huhom, Alfred Abela, akkwistaw ishma fl-imsemmija socjeta` Central Cement Limited (C6108);*

*3. Illi bi qbil bejn l-imsemmija rikorrenti u l-istess huhom, l-ishma gew irregistrati f`isem l-imsemmi huhom, Alfred Abela, li allura kien l-akbar fost l-ahwa rikorrenti u kien hu li kien prezenti ghal-laqgha tal-burdnara u partijiet ohra interessati fin-nogozju tal-importazzjoni, garr u uzu tas-cement li matulha giet imwaqqfa l-imsemmija socjeta` Central Cement Limited, bl-intendiment car bejn l-istess Alfred Abela u l-imsemmija atturi hutu li l-imsemmija ishma kienu, ghalkemm irregistrati f`isem Alfred Abela, jappartjenu pro diviso u f`numri ndaqs, lill-istess Alfred Abela u l-atturi hutu;*

*4. Illi minn dakinhar tal-formazzjoni tal-istess kumpanija Central Cement Limited sad-data tal-mewt tal-imsemmi Alfred Abela, d-dividends*

*imhallsin minn zmien ghal zmien mill-imsemmija kumpanija kienu jinqasmu bejn l-atturi u l-imsemmi Alfred Abela fi kwoti ndaqs bejniethom u dan minghajr ebda formalita` jew diskussjoni;*

*5. Illi dawn l-arrangamenti li allura kellhom bejniethom l-erbat ahwa Abela, senjatament li l-imsemmija ishma, ghad li rregistrati f`isem l-imsemmi Alfred Abela, kienu jappartjenu lilu u lill-atturi hutu fi kwoti ndaqs bejniethom, kien maghruf sew lill-konvenuta, lill-awdituri tal-kumpanija u lid-dirigenti tal-imsemmija socjeta` Central Cement Limited;*

*6. Illi l-imsemmi Alfred Abela kien xi zmien qabel ma miet, iffirma dikjarazzjoni f`dana s-sens u din id-dikjarazzjoni giet minnu mhollija fil-pussess tal-awdituri tal-kumpanija li fiha kien azzjonist flimkien ma` hutu, CAEJA Abela Bros. Ltd. (**Dokument A**);*

*7. Illi Alfred Abela miet fit-23 ta` Jannar 2006, u halla bhala l-eredi universali tieghu lill-imsemmija konvenuta martu Doris Abela permezz tal-ahhar testment tieghu maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Christopher Gatt fis-6 ta` Lulju 2005. (**Dokument B**);*

*8. Illi l-konvenuta kienet originarjament irrispettat il-fatt li kif inghad l-ishma fl-imsemmija socjeta` Central Cement Limited irregistrati f`isem zewgha kif inghad, kienu effettivament il-propjeta` tal-imsemmi zewgha Alfred Abela u hutu r-rikorrenti fi kwoti ndaqs bejniethom tant li kienet hallset lir-rikorrenti sehmhom mid-dividends mahruga mill-imsemmija socjeta`;*

*9. Illi pero, u ghal raguni li ghada mhix maghrufa lill-istess rikorrenti, l-intimata waqqfet dawn il-hlasijiet u wara ftit bdiet tinsisti illi l-imsemmija ishma kienu jappartjenu biss lilha. Sussegwentement f`laqgha illi saret bejn il-kontendenti fil-prezenza tal-accountants rispettivi taghhom, l-intimata offriet illi tassenja nofs l-ishma lir-rikorrenti;*

*10. Illi l-atturi talbu lill-imsemmija konvenuta sabiex tassenja lilhom personalment u separatament kwart kull wiehed tal-ishma fl-imsemmija socjeta` detenuti minnha izda l-intimata baqghet inadempjenti u baqghet minflok tinsisti illi l-imsemmija ishma jappartjenu biss lilha u b`dan il-mod ma halliet lill-atturi l-ebda ghazla hlief li jipprocedu gudizzjarjament kontra taghha;*

*11. Illi b`ittra gudizzjarja pprezentata minnhom fis-27 ta` Lulju 2010, notifikata lill-konvenuta fit-2 ta` Awwissu 2010, l-atturi kienu sejhu lill-konvenuta sabiex tersaq ghat-trasferiment tal-ishma kif spjegat f`dan ir-rikors;*

*12. Illi l-atturi kienu ghalhekk talbu u ottenew il-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kontra l-konvenuta illi bis-sahha tieghu il-konvenuta giet inibita milli tispossessa ruhha mill-imsemmija ishma;*

*Ghaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi sitt mija u disghin (690) mid-disa` mija u ghoxrin (920) sehem Ordinarju "D" fil-kumpanija Central Cement Limited (C6108) detenuti mill-istess konvenuta kif hawn spjegat u hamest elef tliet mija u ghaxar (5310) sehem mis-sebat elef u tmenin (7080) sehem Ordinarju "E" ukoll fil-kumpanija Central Cement Limited (C6108), gew mehuda ossia sottoskritti mill-imsemmi Alfred Abela, fl-isem u fl-interess ta` kull wiehed mill-atturi odjerni Emanuel, John u Anthony, ahwa Abela u dan fi kwoti ossia f`numru ndaqs ghal kull wiehed mill-imsemmija atturi u l-istess Alfred Abela, u li ghalhekk, ghad illi l-imsemmija ishma kienu qabel registrati f`isem Alfred Abela u llum jinsabu rregistrati f`isem l-imsemmija konvenuta, kull wiehed mill-atturi huwa l-propjetarju ta` mitejn u tletin (230) mid-disa` mija u ghoxrin (920) sehem Ordinarju "D" fil-kumpanija Central Cement Limited (C6108) detenuti mill-istess konvenuta u kif ukoll, li kull wiehed mill-atturi huwa l-propjetarju ta` elf seba` mija u sebghin (1770) sehem mis-sebat elef u tmenin (7080) sehem Ordinarju "E" ukoll fil-kumpanija Central Cement Limited (C6108) detenuti mill-istess konvenuta;*

*2. Tordna u tiddikjara illi dak eventwalment ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti kif mitlub fit-talba precedenti jkollu sehh u effett bis-sahha tal-istess eventwali sentenza u minghajr il-htiega ta` trasferiment ulterjuri mill-imsemmija konvenuta lid-diversi atturi, jew altrimenti tordna lill-konvenuta sabiex tersaq ghall-ezekuzzjoni ossia ffirmar skrittura ta` assenjazzjoni tal-ishma kif ordnat fl-ewwel talba minghajr hlas lilha ta` ebda korrispettiv, liema skrittura tigi redatta min-Nutar nominat appozitament minn dina l-istess Qorti, u ffirmata bix-xhieda tal-istess Nutar u tinnomina kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci;*

*3. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex taghti sehh u gharfien lil dak eventwalment ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti kif mitluba fit-talba precedenti billi, minghajr il-htiega ta` formalita` ulterjuri u minghajr ma jigu applikati fir-rigward tal-istess assenjazzjoni dawk l-Artikoli tal-Istat tal-kumpanija illi jirregolaw it-trasferiment tal-ishma, tirregistra bhala azzjonisti taghha, fil-kotba u d-dokumenti mizmuma minnha skont il-Ligi, lil kull wiehed mill-atturi bhala l-propjetarji tal-ishma ddikjarati bhala li jappartjenu lill-istess atturi rispettivament kif mitlub fit-talba precedenti, jew altrimenti assenjati rispettivament lilhom bis-sahha tal-iskrittura ta` assenjazzjoni eventwalment ezegwita, skont il-kaz;*

*4. Tiddikjara illi d-dividends imhallsa mill-imsemmija socjeta` konvenuta lill-istess konvenuta Doris Abela u li ma gewx divizi minnha mal-atturi l-ohra, messhom, inkwantu ghal kwart diviz tal-istess dividends, thallsu mill-istess konvenuta Doris Abela lil kull wiehed mill-atturi;*

*5. Tillikwida d-dividends imhallsa mill-istess socjeta` konvenuta lill-istess konvenuta wara Jannar 2005 u li ma gewx minnha divizi mal-atturi;*

*6. Tordna lill-istess konvenuta thallas lil kull wiehed mill-atturi dik is-somma rapprezentanti kwart mid-dividends likwidati skont kif mitlub fit-talba precedenti, bl-imghax mahdum fuq id-diversi pagamenti hekk imhallsa lill-konvenuta mid-diversi dati tal-istess pagamenti, sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tas-27 ta` Lulju 2010, tal-mandat ta` inibizzjoni numru 768/2011 mahrug fit-30 ta` Gunju 2011, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentat Central Cement Limited fis-6 ta` Settembru 2011 li taqra :–

*Illi sa mill-mument tal-inkorporazzjoni tas-socjeta` konvenuta, l-ishma li jissemmew fir-Rikors promotorju dejjem kienu registrati f'isem Alfred Abela, illum mejjet.*

*Is-socjeta` eccipjenti qatt ma kienet a konjizzjoni tal-allegat ftehim bejn l-ahwa Abela, kif issa qed jinghad fir-Rikors promotorju. Infatti, wara l-mewt ta` Alfred Abela l-ishma li kienu rregistrati f'ismu gew trasferiti per successione f'isem l-eredi tieghu, wara talba maghmula ghan-nom tal-istess eredi min-Nutar Nicholas Vella.*

*Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal dak premess, fir-rigward tat-talbiet dedotti mill-atturi fil-konfront tal-konvenuta Doris Abela, is-socjeta` eccipjenti tirrimetti ruhha ghas-savju superjuri gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti, izda peress li l-istess socjeta` hija ghal kollox estranea ghall-kontestazzjoni bejn l-atturi u l-konvenuta Doris Abela, hija m`ghandha tbati l-ebda spejjez in konnessjoni ma` dawn il-proceduri, lanqas l-ispejjez taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

*<u>DIKJARAZZJONI tas-socjeta` konvenuta Central Cement Limited</u>*

*Tesponi bir-rispett u John Mary Sammut (ID 193051M) bhala direttur ghan-nom u in raprezentanza tal-istess socjeta` bil-gurament tieghu jikkonferma:*

*1. Illi mir-registru tal-membri ossia azzjonisti tas-socjeta` Central Cement Limited, jirrizulta li l-ishma li jissemmew fir-Rikors promotorju dejjem kienu f'isem Alfred Abela, illum mejjet.*

*2. L-esponenti qatt ma kellu ebda informazzjoni dwar l-arrangament li qed jigi allegat mill-atturi fir-Rikors Guramentat taghhom. Infatti wara l-mewt ta` Alfred Abela, fuq talba maghmula min-Nutar Nicholas Vella ghan-nom tal-eredi tal-istess Alfred Abela, l-ishma gew rregistrati f'isem l-eredi testamentarji tieghu.*

*3. Is-socjeta` Central Cement Limited saret taf l-ewwel darba bil-pretensjoni tal-atturi a rigward l-ishma originarjament registrati f'isem Alfred Abela, meta hija giet notifikata bl-atti tal-Mandat ta` Inibizzjoni numru 768/2011.*

*4. Minkejja dak premess u bla pregudizzju ghall-istess, a rigward il-pretensjonijiet dedotti mill-atturi fil-konfront tal-konvenuta Doris Abela, is-socjeta` esponenti tirrimetti ruhha ghas –savju superjuri gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*5. Izda, peress li l-kontestazzjoni odjerna tirrigwarda biss lill-atturi u lill-konvenuta Doris Abela dwar pretensjonijiet li ghalihom is-socjeta` esponenti hija ghal kollox estranea, l-istess socjeta` ma ghandha tbati l-ebda spejjez in konnessjoni ma` dawn il-proceduri, lanqas dawk taghha.*

*6. Il-fatti hawn fuq esposti jaf bihom personalment l-istess esponenti bhala direttur tas-socjeta` konvenuta.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta Doris Abela fil-<u>21 ta` Novembru 2011</u> li taqra :–

*1. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li qatt ma kien hemm xi qbil bejn l-atturi u d-defunt Alfred Abela, ir-ragel defunt tal-eccipjenti, sabiex jixtri xi ishma tas-socjeta` Central Cement Limited f'isimhom. Kien ghalhekk li kull sehem li d-defunt Alfred Abela kellu f'ismu fi hdan is-socjeta` odjerna, issa gew f'isem l-esponenta eccipjenti kemm peress illi tali ishma kienu jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti taghha flimkien mad-defunt zewgha kif ukoll bhal konsegwenza tat-testment tad-defunt Alfred Abela u tad-dikjarazzjoni causa mortis maghmula mill-eccipjenti wara mewt l-istess Alfred Abela li permezz taghha, l-ishma in kwistjoni gew trasferiti kollha f'isimha kif jirrizulta minn* ***Dok. DA1*** *anness ma` din ir-risposta guramentata. Dan kollu appuntu peress illi l-istess ishma kienu nxtraw unikament f'isem u fl-interess tieghu biss u tal-komunjoni tal-akkwisti flimkien mal-esponenta eccipjenti u mhux f'isem hutu l-atturi;*

*2. Illi fit-tieni lok, anki in vista tal-ewwel eccezzjoni, l-eccipjenti tichad dak li qed jigi allegat permezz ta`* ***Dok. B*** *pprezentat mar-rikors guramentat tal-atturi u tikkontesta b`mod assolut il-veracita` tieghu stante li d-defunt zewgha qatt ma ffirma tali dikjarazzjoni jew ebda dikjarazzjoni ohra favur l-atturi fir-rigward tal-ishma in kwistjoni peress li l-ishma kien akkwistahom u zammhom f`ismu u fl-interess tieghu biss, u tal-komunjoni tal-akkwisti flimkien mal-esponenta eccipjenti u mhux f`isem hutu l-atturi kif diga` spjegat;*

*3. Illi t-talbiet tal-atturi ghad-divizjoni ta` porzjonijiet mill-ishma in kwistjoni hija wkoll insostenibbli stante li huma mhumiex werrieta jew legittimarji tieghu;*

*4. Illi ghaldaqstant ma ghandu jkun hemm l-ebda divizjoni a favur tal-atturi tal-ishma li l-eccipjenti ghandha fi hdan is-socjeta` Central Cement Limited, stante li tali ishma qatt ma kienu tal-atturi u qatt ma jistghu jkunu taghhom;*

*5. Illi daqstantiehor ma ghandu jkun hemm l-ebda likwidazzjoni a favur tal-atturi, ta` kwalsiasi somma referibbli ghad-dividends li jirrigwardaw l-istess ishma li akkumulaw minn wara Jannar 2005 `l quddiem, in vista ta` dak eccepit kif ukoll stante li kwalsiasi talba ghal-likwidazzjoni ta` dividends hi wkoll preskritta;*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat id-digriet li tat fl-20 ta` Mejju 2013 fejn kien mahtur Dr Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu sabiex jezamina l-firma "*Alfred Abela*" fuq id-dokument GF 1 a fol 113 u jghid jekk dik il-firma hijiex il-firma ta` Alfred Abela, ir-ragel tal-konvenuta li miet fit-23 ta` Jannar 2006.

Rat ir-relazzjoni tal-espert kalligrafu wara li kienet debitament ikkonfermata bil-gurament.

Rat illi fl-24 ta` Mejju 2016 il-konvenuta talbet illi tipprezenta eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni abbazi tal-Art 1886(b) u tal-Art 2119 tal-Kodici Civili u 2119 tal-Kodici Civili, talba li kienet milqugha.

Rat illi wara li kienet ipprezentata, l-eccezzjoni ulterjuri kienet sfilzata bi provvediment specifiku tal-qorti.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza, inkluza l-eskussjoni tal-espert tekniku.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza bil-fakolta` illi l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

**Romuald Attard** mill-Bank of Valletta plc xehed illi fit-22 ta` Gunju 2007 il-bank hareg bankers draft fuq struzzjonijiet tal-konvenuta Doris Abela. Id-draft issarraf mill-persuna li ghandha l-karta tal-identita` numru 369753M. Kompla jixhed illi Central Cement Limited harget cheque bin-nru 002818 li ssarraf minn persuna li ghandha l-karta ta` l-identita` numru 369753M. Kien hemm ukoll *bills payable* numru 560833 datat 25 ta` Jannar 2007 pagabbli lil Doris Abela fl-ammont ta` Lm6,800. Ic-cheque issarraf fit-2 ta` Frar 2007..

**John Mary Sammut** – Direttur Manigerjali ta` Central Cement Limited – xehed illi Alfred Abela kien azzjonista tal-kumpannija u kellu 920 *ordinary d voting shares* u 7080 *ordinary d non voting shares* – b`kollox 8,000. *shares.* Thallsu *dividend*s lil Alfred Abela fl-2004 u fl-2005. Fl-2006, id-*dividend*s hargu fl-isem ta` *the estate of Alfred Abela.* Wara li miet Alfred Abela, sakemm kellhom id-dokumenti necessarji biex ikun jista` jsir it-trasferiment, id-*dividend*s baqghu jithallsu lil *the estate of Alfred Abela.* Wara li waslu d-dokumenti, irrizulta li l-eredi ta` Alfred Abela kienu martu Doris Abela u z-zewg uliedu. L-ulied appuntaw lil ommhom biex tidher bhala

azzjonista f`Central Cement Limited. Ic-cheques bdew johorgu fl-isem ta` Doris Abela. Illum l-ishma kollha li kienu fuq isem Alfred Abela huma registrati fuq Doris Abela.

Stqarr illi fl-206, hargu zewg *dividend*s. Fl-2007, id-*dividend* thallas lil Doris Abela Fl-2008 hareg *dividend warrant.* Ma thallsux flus peress li mal-bdil kien hemm awment fil-valur tal-ishma fis-sens illi kull sehem gie jiswa €2.5 minflok €2.3222. Fl-2009 u 2010, thallas *dividend* lil Doris Abela. Fl-2011, thallas *dividend* izda Doris Abela kienet akkwistat 150 *share e non voting* u ghalhekk l-ishma f`isimha telghu ghal 8,150. L-akkwist tal-150 sehem sar fl-2010 minn Doris Abela personalment. Kien *outright purchase* da parti taghh mhux kapitalizzazzjoni ta` *dividend.*

Kompla jixhed illi l-articles ta` Central Cement Limited jispecifika ezatt kif jistghu jinbieghu u kif jista` jsir trasferiment ta` l-ishma. Jekk persuna tkun trid tbiegh ishma ta` klassi, l-ewwel tkun trid toffri li tbieghhom lil persuni li jkollhom ishma fl-istess klassi. Jekk wara li jghaddu 28 jum hadd ma juri interess allura l-ishma jkunu offruti ghall-bejgh lil persuni ohra li jkollhom ishma ta` klassijiet ohra. Jekk lanqas dawn ma juru interess, allura il-bejgh ikun offrut lill-pubbliku in generali. Huwa l-bord li jrid jaccetta lil terzi bhala azzjonisti inkella le. Billi Doris abela kienet diga` azzjonista, ma kienx hemm problema min-naha taghha illi takkwista ishma ohra.

Spjega illi meta hareg l-interim *dividend* tal-2011 sar pagament ukoll.

Dwar il-kumpannija *ut sic*, huwa xehed illi Central Cement Limited kienet iffurmata fl-1982 minn dawk illi dak iz-zmien kienu jimportaw is-siment wara l-intervent tal-Gvern. Fil-fatt min kien jimporta s-siment ma kellux ghazla hlief li jsir azzjonista. Kien hemm tliet gruppi ta` azzjonisti : tnejn minn dawn kienu kumpanniji tal-Gvern li kienu jipproducu l-konkos ; il-grupp l-iehor kienu kompost minn 26 kumpannija privata maghrufa bhala Cement Users Group. Kien deciz mill-Gvern illi l-burdnara wkoll jinghaqdu ma` dan l-ahhar grupp. Il-kumpannija nqasmet fi blokka ta` 40,000 sehem li kienu *voting* u 160,000 sehem li kienu *non voting*. Il-Gvern zamm 51% tal-*voting shares* u l-ohrajn inqasmu bejn il-bqija. Fil-fatt Block A kienet kollha tal-Gvern li kellu *voting* biss, Block B kienet tal-konkos li kellha *voting* u *non voting*, Block C kienu Cement Users Group li wkoll kellhom *voting* u *non voting shares*. Il-burdnara kienu wkoll *voting* u *non voting*. Il-*voting rights* baqghu tal-Gvern.

Stqarr illi Alfred Abela u hutu kienu burdnara. Fil-kumpannija, Alfred Abela dahal wahdu. Alfred Abela tnizzel fil-lista ta` azzjonisti u kien wiehed mill-burdnara li dahal fil-kumpannija bl-indirizz personali tieghu.

Ipprezenta lista tad-*dividend*s u l-*interim dividend*s li thallsu bejn l-2006 u l-2016. Bejn il-21 ta` Lulju 2006 u t-2 ta` Awissu 2016 thallsu b`kollox netti €174,765.02c kif ukoll Lm10,080. Fil-21 ta` Lulju 2006 u l-15 ta` Settembru 2006, dawn id-*dividend*s thallsu lil *the estate of the late Alfred Abela* ; mbaghad il-bqija thallsu dejjem lil Doris Abela. Id-*dividend* li jidher fl-4 ta` Gunju 2008 ghalkemm jidher li thallas, attwalment ma ghaddewx flus ghax il-flus ghaddew mill-kumpannija fil-valur tal-ishma. Ghalhekk dan id-*dividend* partikolari kien *capitalized.* It-titolar tad-*dividend* ha l-beneficcju ta` dik il-*capitalization.*

Ipprezenta wkoll nota li d-diversi *dividend* advices li nghataw matul is-snin.

**Alfred Meli** xehed fl-1967 inghaqdu fi grupp il-burdnara li jgorru s-siment. Fosthom kien hemm l-ahwa Abela : Carmelo, Alfred, Emanuel, John u Tony. Dawn minn dejjem kienu jahdmu flimkien kif ghadhom sal-lum. Bejn 1967 u 1979, kien jithallas Carmel Abela. Sakemm miet Carmel Abela, huwa kien jitratta mieghu billi kien jigi l-ikbar fost l-ahwa. Carmel Abela kien jirraprezenta lil hutu kollha. Wara l-mewt tieghu, dahal Alfred Abela u l-pagament kien johrog fl-isem ta` Alfred Abela. Anke dan kien jirrapprezenta lil hutu kollha.

Kompla jixhed illi wara l-mewt ta` Alfred Abela, il-hlas beda jsir fl-isem is-socjeta` taghhom.

Stqarr illi huwa kien involut meta giet iffurmata Central Cement Limited ghaliex kien ir-rapprezentant tal-grupp tal-burdnara tas-siment. Alfred Abela kien mieghu fil-kumitat u kien jidher ghal hutu wkoll. Qatt ma ghaddielu minn mohhu li Alfred Abela ma kienx qed jirrapprezenta lil hutu u li l-flus li hareg ma kienux tieghu biss izda ta` hutu wkoll. Ikkonferma li x-shares kienu registrati fl-isem ta` Alfred Abela izda ghalih dejjem qies illi dawk ix-shares kienu ta` Alfred u ta` hutu wkoll. Spjega li huwa midhla hafna ta` l-ahwa Abela. Jaf illi wara l-mewt ta` Alfred Abela, ic-cheques li kienu hargu f`ismu kienu ritornati mill-armla tieghu u hargu mill-gdid fuq is-socjeta`. Qed jirreferi ghac-cheques li johrog il-grupp tal-burdnara, u kienu

jirreferu ghal pagamenti li kienu saru ghal servizzi rezi bhala burdnara. Ma kellhomx x`jaqsmu ma` *dividend*s ta` *shares.*

**Godwin Falzon** xehed illi huwa l-awditur tal-kumpannija Abela Brothers Limited. Ghadu l-awditur sal-lum. Kien ilu nvolut sa mill-1976, ossija sentejn qabel ma giet kostitwita. Ghall-bidu kien jitratta ma` Carmelo Abela. Il-kumpannija hija komposta mill-hamest ahwa Abela fosthom Carmelo u Alfred. Wara l-mewt ta` Alfred, dahlu uliedu minflok missierhom.

Xehed illi x-shares ta` Central Cement Limited kienu registrati mill-ewwel fuq Alfred Abela u huwa kien tkellem hafna mieghu fejn irrikonoxxa li kien ghamel zball li l-ishma gew registrati fuq ismu.

Spjega li huwa kien dejjem jitolbu sabiex jirrangalu halli l-ishma jigu fuq l-ahwa. Kien hemm pero` problema biex dan isir ghaliex kien hemm azzjonisti ohra li kienu preparati johorgu jixtru l-ishma huma. Qallu dan id-diskors kemm-il darba. Huwa kien fiehem lil Alfred Abela illi ma setax jikteb lil Central Cement Limited biex l-ishma jduru fuq hutu. Ghalhekk issuggerielu li ssir karta fejn jiddikjara ta` min huma l-ishma. Fil-fatt iffirma dokument f`dan is-sens. L-original tad-dokument huwa Dok GF1. Id-dokument sar fl-ufficcju li d-ditta ta` awdituri kellhom Regency House, Valletta, fi zmien meta ma kienx ghadhom jezistu kompjuters.

Stqarr illi fl-2006, wara li Alfred Abela marad, huwa mar jarah. Alfred Abela rega` semmielu l-kwistjoni ta` l-ishma u huwa kien rega` spjegalu li ma kienx facli li jduru fuq hutu peress li dawn riedu l-ewwel jigu offruti ghall-bejgh lill-azzjonisti l-ohra kif ighidu l-articles ta` Central Cement Limited. Kien issuggerixxa lil Alfred Abela sabiex jaghmel dikjarazzjoni quddiem nutar. Pero` baqa` ma sar xejn ghaliex lahaq miet.

Fisser illi meta mar jara lil Alfred Abela, semmielu l-kwistjoni ta` Emanuel House. Din kienet art li xtraha fuq ismu izda kienet proprjament ta` l-ahwa kollha. Il-flus tal-akkwist hargu kollha mill-flus tan-negozju tal-ahwa. Huwa xtaq jittrasferixxi kwart minn Alfred House lil hutu sabiex kulhadd ikollu 25%. Kien iffissat appuntament biex imur in-nutar izda baqa` ma sar xejn ghaliex kien cempillu Josef Abela (bin Alfred) li qallu li missieru kien mar lura ferm fis-sahha ; fil-fatt miet xi hmistax wara.

Sostna li huwa ma jafx jekk dak kollu li sar bejnu u Alfred Abela kienx zvelat minn Alfred Abela lill-familja tieghu.

Stqarr illi meta semma l-kwistjoni ta` Emanuel House lil Emanuel Abela, dan ikkonferma dak li kien sostna Alfred Abela. Spjega li huwa kien preparat li jcedi sehmu lil hutu. Fil-fatt sar kuntratt fejn ceda terz mill-proprjeta` ta` Emanuel House lil hutu. Ighid illi Doris Abela ma accettatx dan kollu.

Xehed illi d-*dividend*s ta` Central Cement Limited kienu johorgu fl-isem ta` Alfred Abela u dan kien iqassamhom lil hutu. Waqt laqgha li saret ma` Doris Abela, din gabet l-accountant maghha u kienet qisha accettat li d-*dividends* ikomplu jinqasmu bil-kundizzjoni li hija tiehu persentagg ikbar. Kien hemm sena minnhom fejn meta rceviet il-flus u ghaddiet tlett kwarti minnhom lill-ahwa Abela.

Kompla jghid li meta saret id-denunzja, il-kont inqasam billi l-armla hallset 25%, u 75% l-ohra fuq l-ishma ta` Central Cement Limited u fuq Alfred House thallsu mit-tliet ahwa Abela l-ohra.

Kompla jghid illi l-amministrazzjoni kienet f`idejn Alfred Abela li dejjem agixxa ghall-ahwa kollha fin-negozju anke fl-akkwist ta` ingenji tax-xoghol; anke meta kien jirregistra l-ingenji f`ismu kienu jkunu tal-ahwa.

Stqarr illi wara l-mewt ta` Alfred Abela, huwa kien staqsa lil hutu ghaliex l-ishma ta` Central Cement Limited kienu registrati fl-isem ta` Alfred Abela. Huma wiegbu illi kienu jafdaw lil Alfred Abela u kienu jhallu kollox f`idejh.

Qal illi d-dokument fejn tidher il-firma ta` Alfred Abela sar qabel l-1987. Id-dokument huwa antik u kien sar bit-typewriter.

Ikkonferma li kienet inkitbet ittra lil Central Cement Limited fuq struzzjonijiet ta` Alfred Abela sabiex l-ishma ma jibqghux fuq ismu biss, izda r-risposta kienet fin-negattiv. Insista li Alfred Abela kien qajjem il-kwistjoni kull meta kien imur ikellmu. Ighid illi huwa qatt ma ssuggerixxa lil Alfred Abela biex fit-testment tieghu jsemmi l-kwistjoni tal-ishma, ghaliex ghalih testment kien xi haga personali ta` bejn Alfred Abela u l-mara tieghu. Jaf illi

wara l-mewt ta` Alfred Abela, l-armla tieghu kienet tat lill-ahwa tlett kwarti mid-*dividend*s li kienet irceviet mill-ishma li kienu registrati fl-isem ta` zewgha.

Qal illi parti mill-hlas tad-denunzja ta` Alfred Abela sar minn kont komuni ta` l-ahwa mentri l-armla ta` Alfred Abela wkoll thallset flus sabiex tithallas id-denunzja.

Spjega li huwa qatt ma tkellem ma` Central Cement Limited x`jigri jekk ikun hemm sentenza tal-Qorti li tghid li l-ishma minkejja li kienu fl-isem ta` Alfred Abela fil-fatt kienu jappartjenu lill-erbat ahwa. Jaf illi l-ahwa damu ma pprezentaw din il-kawza ghaliex ghamlu li setghu biex jikkonvincu lil Doris Abela.

Ikkonferma illi mieghu Alfred Abela qatt ma stqarr illi l-ishma kienu tieghu wahdu.

Ippreciza illi Dok GF1 kien iffirmat qabel ma ntbaghtet l-ittra lil Central Cement Limited fl-14 ta` Novembru 1983.

Ippreciza wkoll illi meta huwa mar jzur lil Alfred Abela f`Jannar 2006, ossija ftit zmien qabel il-mewt tieghu, Abela ma kien iffirma xejn.

Fil-**kontroezami** stqarr illi Dok GF1 kien sar sabiex fl-eventwalita` illi Central Cement Limited taghti l-kunsens taghha dwar it-trasferiment ta` l-ishma, huwa jkollu d-dokument lest li juri li dawk l-ishma ghandhom jigu trasferiti fl-isem tal-erbat ahwa. Spjega li ma saret l-ebda referenza ghal din id-dikjarazzjoni fl-ittra ta` l-14 ta` Novembru 1983. Central Cement Limited kienet wiegbet illi t-trasferiment kif mitlub ma setax isir. Huwa ma kienx rega` ghamel kuntatt ma` Central Cement Limited peress li kellha ragun twiegeb kif fil-fatt wiegbet. Dak li xtaq Alfred Abela ma setax jitwettaq minhabba l-*pre-emption clauses* li kien hemm fl-articles tas-socjeta`.

**Saviour Cauchi** xehed li Doris Abela kienet ikkonsultat mieghu dwar materji finanzjarji. L-ishma li kienu fl-isem ta` zewgha kienu gew registrati fl-isem ta` Doris Abela minn Falzon HLB Advisory Services. Kull ma ghamel hu kien informa lil Doris Abela li kien sar it-trasferiment f`isimha. Huwa kien taha parir fis-sens illi ladarba l-ishma kienu registrati fl-isem ta`

zewgha, u zewgha kien ghamilha eredi tieghu, allura l-ishma kellhom ikunu fuq isimha. Hu kien prezenti flimkien ma` Doris Abela ghal laqgha li saret ma` John Abela ta` Abela Brothers Limited fl-ufficcju ta` Godwin Falzon. Waqt il-laqgha kienu ssemmew l-ishma. Il-laqgha kien saret peress li kien hemm dizgwid fin-negozju tal-ahwa Abela. Issemmiet paga jew pensjoni li kienet tithallas lil Doris Abela li ma kenitx baqghet tithallas, u riedet rimedju. Billi d-diskussjoni ddigenerat, hu u Doris Abela hallew il-laqgha. Il-kontestazzjoni tal-ahwa kienet illi ma kienx messha saret ir-registrazzjoni tal-ishma fl-isem ta` Doris Abela ghaliex dawk ma kienux kollha taghha u li huma kellhom sehem minnhom. Dakinhar ma kien deciz xejn.

Stqarr illi quddiemu, Doris Abela ma cahditx li l-ahwa Abela seta` kellhom xi sehem minn dawk l-ishma. Sostna li l-fatt li Doris Abela ma cahditx li ma ghandhom xejn ma jfissirx li l-ahwa Abela kellhom sehem. Tlewmu ghaliex Doris Abela ma rieditx iccedi l-ishma. Doris Abela riedet li jsir ftehim dwar kollox.

**Brian Farrugia** mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta xehed illi l-vettura CAM 648 ta` l-ghamla BMW 520 kienet registrata fl-isem ta` Alfred Abela. Fiz-zmien ta` bejn il-21 ta` Gunju 1984 u t-13 ta` Gunju 2006, kien hemm tmien vetturi registrati fuq ismu flimkien ma` zewg vetturi ohra li ghadhom registrati fuq ismu, izda li imbaghad gew *scrapped*. Mill-vetturi registrati, wahda biss ma kenitx kummercjali : Volkswagen 1300 numru KAG 907.

**Keith Caruana** mid-Dipartiment tal-Kummerc xehed illi wara l-2002, ma rrizultaw l-ebda licenzji mahruga a favur Alfred Abela.

**John Abela** xehed illi huma kienu sebat ahwa. Minnhom hamsa u cioe` Carmelo, Alfred, Emanuel, Anthony u hu kienu fix-xoghol tat-trasport u garr u kienu ffurmaw kumpannija bl-isem CAEJA Abela Bros Limited kif ukoll socjeta` *en nom collectif* bl-isem CAEJA Abela Bros. Din tal-ahhar saret biex izzomm il-licenzja ta` burdnara billi dak iz-zmien ma kienx permess li l-licenzja tinzamm minn kumpannija.

Xehed illi missieru kien beda x-xoghol ta` burdnar bi ftit ghodda u hutu l-kbar kienu bdew jghinuh. Missieru waqaf mix-xoghol meta huwa kien ghadu l-iskola. Fl-1970 beda jahdem ma` hutu l-kbar, u ftit wara beda jahdem maghhom huhom iz-zghir Anthony. Ix-xoghol kien isir bejniethom u kellhom sehem indaqs fil-qligh. Kien imexxi Carmelo u l-licenzji kienu f`isem

dan, kif kienet ukoll il-kirja tal-imhazen. Meta Carmelo miet fl-1979, Alfred ha postu. Sakemm dan miet fl-2006, Alfred kien imexxi n-negozju b`mod partikolari l-finanzi. Kien jidher hu ghal kulhadd.

Kompla jghid li Alfred ftit mar skola u bil-kemm kien jaf jaqra. La Carmelo u lanqas Alfred ma kienu jaghtu wisq kaz tal-karti jew formalitajiet. Hafna mill-akkwisti li ghamel Alfred ghall-kumpannija jew fl-interess tal-ahwa fin-negozju saru fl-isem ta` Alfred. Il-licenzji u l-permessi kienu jkunu fl-isem ta` Alfred waqt li l-vetturi kienu johorgu f`ismu wkoll ; l-istess il-hlasijiet.

Stqarr illi fl-1970 Alfred u Emanuel kienu qalulu li kienu ser jixtru zewg bicciet art minghand il-Kurja mill-flus tan-negozju. L-akkwist sar fl-1971. L-ewwel art inxtrat fl-isem ta` Alfred u l-ohra fl-isem ta` Emanuel. Ix-xiri tal-art kien iffinanzjat bi flus tal-hamest ahwa. Fuq l-art mixtrija fl-isem ta` Alfred, inbena garage bl-isem Honey Garage u mezzanin bl-isem Alfred House. Fuq l-art fl-isem ta` Emanuel, inbena garage bl-isem Emanuel Garage u mezzanin bl-isem Emanuel House. Iz-zewg garages kienu jintuzaw ghall-hazna tas-siment, u maz-zmien bdew jigu stivati wkoll oggetti relatati max-xoghol taghhom. Honey Garage ghamel zmien jintuza ghall-hazna tas-siment ta` Central Cement Limited.

Kompla jixhed illi kienet saret skrittura fejn Alfred dahal ghal ftehim ma` Central Cement Limited dwar Honey Garage fl-isem ta` Abela Bros. Honey Garage ghamel zmien ukoll mikri lil Jesmond Leather Goods. Il-flus mill-kirijiet dejjem inqasmu u thallsu bejn l-ahwa.

Qal illi Alfred House kien ukoll jinkera lill-barranin. Ipprezenta sett ricevuti li hareg Alfred ghal Abela Bros lil Godwin Vella li kien jghix f`dak il-mezzanin.

Stqarr illi wara l-mewt ta` Alfred, martu bdiet izzomm il-kera ghaliha kollha minkejja li kienet taf li l-kera kienet tal-erbat ahwa.

Spjega li l-fond l-iehor Emanuel House huwa llum okkupat minn Anthony.

Qal li meta miet Carmelo, l-ahwa kienu hallsu lill-armla tieghu sehemha minn dawn iz-zewg proprjetajiet, bhala parti mis-sehem ta` zewgha mill-gid komuni ta` l-ahwa.

Dwar Emanuel Garage, spjega illi fis-17 ta` Frar 2009 sar kuntratt fejn Emanuel ittrasferixxi terz indiviz tal-fond fuqu u terz iehor fuq Anthony. Sar hekk ghaliex minn dejjem kien car ghall-ahwa lkoll illi l-proprjeta` kienet giet akkwistata minn Emanuel f`ismu u fl-interess ta` hutu l-ohra. Sar il-kuntratt wara li Doris Abela bdiet tallega li kulma kien hemm fl-isem ta` Alfred kien tieghu. Hu u Anthony hadu terz kull wiehed ghaliex Doris Abela kienet qeghda tinsisti li zzomm ghaliha l-fond l-iehor. Naturalment jekk hija tasal li taccetta li taqsam il-fond li kien f`isem Alfred kif imiss, tiehu s-sehem taghha tal-fond l-iehor wkoll.

Dwar l-ishma mertu ta` din il-kawza, stqarr illi fl-1982, wara li miet Carmelo, Alfred kien involut fid-diskussjonijiet dwar il-formazzjoni ta` Central Cement Limited. Dak iz-zmien, il-Gvern ha decizjoni li s-siment jinxtara bil-kwantita fuq skala nazzjonali. Il-Gvern ried li kull min jipprovdi servizz in konnessjoni mal-uzu tas-siment, cioe` l-kuntratturi li kienu jaghmlu uzu mis-siment u l-burdnara illi jgorruh, jinghaqdu f`din il-kumpannija. Kif saret il-kumpannija, waqfet l-importazzjoni tas-siment mill-importaturi li sa dak iz-zmien kienu jimportaw is-siment. Alfred Meli kien jirraprezenta l-interessi tal-burdnara mal-awtoritajiet u kien organizza lill-burdnara biex jizgura li huma jidhlu fis-Central Cement Limited. Alfred Meli kien jitkellem esklussivament ma` Alfred. Hu personalment kien jattendi ghal-laqghat tal-burdnara ma` Alfred. Meta kienet waslet biex issir il-kumpannija, Alfred infurmahom li kien hemm bzonn johorgu Lm8,000 bejniethom halli jkollhom sehem fil-kumpannija. Dak il-figura kienet il-massimu ta` l-investiment li seta` jsir. Qablu li l-ishma jittiehdu mill-erbat ahwa, u hargu kwart kull wiehed. Wara li thallsu l-flus, Alfred infurmahom li kien iffirma f`ismu personali ghalihom lkoll ghaliex ma setax jiffirma ghalihom minghajr prokura. Ghalihom dik ma kenitx problema ghaliex Alfred kien fdat f`kollox. Mas-snin bdew jiehdu *dividend*s billi Alfred kien isarraf ic-cheque li kienet tohrog Central Cement Limited u kien jaghtihom sehemhom fi flus kontanti. Il-flus ma kinux jidhlu fil-kontijiet tal-kumpannija ta` bejniethom ghaliex l-ishma kienu jappartjenu lilhom personalment. L-income tax kienet tithallas minnhom l-erbgha jew mill-kumpannija.

Xehed li meta Alfred marad, l-ahhar hsieb li kellu f`mohhu kien x`sejjer jigri minn dak li Alfred kellu f`ismu. F`Novembru tal-2005, mar ikellmu Adrian, it-tifel ta` Alfred, li kien u ghadu jahdem fin-negozju

taghhom, u qallu li kien wasal cheque minghand Central Cement Limited. Ic-cheque issarraf u l-import inqasam f`erbgha. Wara li miet Alfred, huwa kien ha r-riedni tan-negozju izda sab diffikolta` biex isib tarf ta` l-amministrazzjoni tieghu. Wara l-mewt ta` Alfred, fl-2007 Doris Abela rceviet cheque tad-*dividend*s li sarrfet u baghtet kwart tal-flus lilu, kwart lil Anthony u kwart lil Emanuel, flimkien ma` kopja tac-cheque. Kompla jghid izda li f`daqqa wahda, madwar sentejn wara l-mewt ta` Alfred, ir-relazzjonijiet bejn l-ahwa u Doris Abela marru ghall-aghar. Riedet rendikont ta` kulma sar fil-kumpannija, inkluz fiz-zmien meta zewgha kien jamministra. L-awditur Godwin Falzon sejjah laqgha bejniethom inkluz mat-tfal ta` Alfred li huma Adrian u Josef. Fil-laqgha Doris Abela kienet accettat li kienet taf li l-ishma ta` Central Cement Limited kienu taghhom lkoll izda riedet li talli ddawwar l-ishma fuqhom, kellha tkun preferuta f`xi haga. Ghal-laqgha kien prezenti l-accountant Saviour Cauchi. Meta Godwin Falzon stqarr illi kien wasal z-zmien li jinqasmu l-ishma, Adrian u Josef accettaw illi l-ishma kienu tal-erbat ahwa. Saret laqgha ohra li ghaliha kienu prezenti l-awditur Falzon, Doris Abela, l-accountant Saviour Gauci u hu. Fil-laqgha rega` sar sforz biex Doris Abela tirrikonoxxi li l-ishma ta` Alfred fis-Central Cement Limited fir-realta` kienu tal-erbgha mhux ta` Alfred wahdu. Ghall-bidu Doris Abela accettat basta jkollha sehem ta` aktar minn kwart. Il-proposta kienet rifjutata. Fil-laqgha ssemma wkoll illi ghalkemm il-kont tas-successjoni hareg fuq Doris Abela, it-tliet ahwa li kien fadal kienu hallsu l-parti taghhom kemm fuq l-ishma kif ukoll fuq Alfred House.

Stqarr illi qabel saret din il-kawza, kien hemm ittri legali u ufficjali.

Qal illi meta tkellem ma` Godwin Falzon stqarr mieghu d-diskors kollu li sar ma` Alfred dwar l-ishma u dwar il-propjeta` u cioe` li kollox kien tal-erbat ahwa.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-kumpannija tal-ahwa kienet tezisti qabel kienu akkwistati l-ishma fis-Central Cement Limited. Huwa ma kienx prezenti meta saret l-iskrittura li qed tigi kontestata mill-konvenuta. Saret ghaliex kienet fuq il-kuxjenza ta` Alfred li jirrimedja l-kwistjoni tal-ishma ta` Central Cement Limited.

**Is-Supretendent tal-Pulizija Sharon Tanti** ghall-Kummissarju tal-Pulizija xehdet li Alfred Abela kellu permess fuq il-fond 222 gia` 176, Arcade Street, Paola, ghall-hanut tal-bejgh ta` siment, *wire mesh, timber, steel, joints* u *building material.* Il-permessi baqghu jithallsu sal-1997. Fl-2001, il-

permessi ghaddew ghand awtoritajiet ohra mhux aktar ghand il-Kummisarju tal-Pulizija. Il-permess kien fl-isem personali ta` Alfred Abela.

**Doris Abela** xehdet illi dwar l-ishma ta` Central Cement Limited tiftakar illi waqt iz-zwieg taghha, zewgha Alfred kien semmielha li ser jixtri ishma fil-kumpannija mill-flus taghhom. Cahdet li Alfred qatt qalilha li kien ser jixtri ishma fl-isem ta` hutu. Tghid illi Alfred kien jghidilha li hutu talbuh biex jaqsam maghhom l-ishma li huwa kellu fis-Central Cement Limited izda huwa kien dejjem jghidilha li ma kienx ser jaccetta. Kliemu kien fis-sens illi dawk l-ishma kien f`ismu u hekk kienu sejrin jibqghu. Tghid illi filwaqt illi hut zewgha kienu xtraw karozzi ta` lussu zewgha kien jibza` ghal flus. Kull meta xtara karozza, dejjem hallasha bin-nifs.

Tixhed illi zewgha dejjem ha hsieb ta` hutu fix-xoghol li kienu jaghmlu flimkien. Zewgha dejjem ta dak li jmiss lil hutu mix-xoghol li kienu jaghmlu flimkien u gieli anke tahom aktar. Gieli qasam id-*dividend*s li kien jircievi mill-ishma li kellu fis-Central Cement Limited. Meta staqsiet ir-raguni ghala kien ghamel hekk, Alfred kien jirrispondiha li dawk kienu hutu.

Spjegat li hija wkoll qasmet *dividend*s mill-ishma ta` Central Cement Limited li kienu gew f`isimha wara l-mewt ta` Alfred - b`rispett lejhom. Kemm hi u kif ukoll zewgha ma qasmux dawn id-*dividend*s ghaliex l-ahwa kellhom xi sehem minnhom. Meta l-ahwa ma baqghux jimxu maghha bl-irgulija u ma kinux qed jaghtuha dak li kien ta` zewgha, hija waqfet taqsam id-*dividend*s maghhom.

Stqarret illi Alfred u hutu kellhom negozju flimkien u kienu jaqsmu kollox bejniethom, izda dan ma kien ighodd ghall-ishma ta` Central Cement Limited ghaliex l-ishma inxtraw bi flus taghha u ta` zewgha, u l-ahwa ma hargu xejn biex Alfred xtara l-ishma.

Fissret li qabel miet, Alfred kien iwissieha sabiex toqghod attenta x`tiffirma ma` hutu. Sostniet li hija ma kinitx iffirmat dokument li kien taha Godwin Falzon fejn kien hemm imnizzel li mill-flus li kellha tiehu bhala s-sehem ta` zewgha kellha titnaqqas is-somma ta` Lm4,000 ghaliex il-kumpannija kienet marret lura. Zewgha u huh John kienu qalulha li meta l-ahwa kienu qed jitolbu lil Alfred biex jiffirma, zewgha kien jirrifjuta.

Dwar il-laqghat li saru ma` l-ahwa fil-prezenza ta` Godwin Falzon wara l-mewt ta` Alfred, taccetta li kienet qalet li lesta li taqsam l-ishma ta` Central Cement Limited maghhom bil-kundizzjoni li hija tinghata sehem aktar minnhom, izda tghid illi qalet dak il-kliem mhux ghaliex kienet qed taccetta li zewgha kien xtara dawk l-ishma ghal hutu wkoll. L-offerta taghha kienet saret biss b`rispett lejhom ghaliex ma riditx glied. X`hin l-ahwa rrifjutaw il-proposta, hija ghamlitha cara li mhux ser jiehdu xejn.

Stqarret illi wara dik il-laqgha, meta Saviour Cauchi kien ippropona li taghti lil hut Alfred dawk l-ishma ghaliex seta` jigi zmien li dawn ma jkunu jiswew xejn, hija xorta insistiet li dawk l-ishma kienu ser jibqghu f`isimha.

Spjegat li kien hemm kwistjoni ohra dwar art li fuqha nbniet Alfred House. Hija ma taccettax illi l-akkwist tal-art sar f`isem l-ahwa ukoll.

Tghid illi mhux minnu li zewgha kien ihallat kollox fis-sens li kull haga li kien jaghmel kien jaghmilha f`isem hutu wkoll. Il-fatt li kien hemm numru ta` vetturi li kienu nxtraw minn zewgha biex jintuzaw ghall-kumpannija bl-ebda mod ma jfisser li l-ishma ta` Central Cement Limited kien ukoll inxtraw f`isem hutu. Tichad illi rceviet xi sehem mit-taxxa li kellha tithallas wara l-mewt ta` zewgha. Dak li rceviet kienu flus li kienu jmissu lil zewgha bhala sehem tieghu. Sostniet li meta Godwin Falzon kien baqa` jzur lil Alfred, hija kienet tistaqsi ghala ma jkellmu, u Alfred kien dejjem jghidilha li kien mar ikellmu dwar l-istess haga u cioe` dwar il-kwistjoni ta` l-ishma. Spjegat li zewgha kien inkwieta meta Falzon kien semmielu li ser igiblu nutar. Hija kienet ikkalmatu billi qaltlu li jekk jigi xi nutar, hija kienet tibghatlu `l hemm. Zewgha miet ftit wara bla mar ebda nutar.

Tichad illi Alfred iffirma xi karta fejn accetta li hutu kellhom sehem mill-ishma ta` Central Cement Limited.

Fil-**kontroezami**, Doris Abela sostniet li l-ishma ta` Central Cement Limited kien akkwistahom ir-ragel taghha fl-1983. Qalet li huwa kien xtara ghalqa fejn jahdmu u minflok zammha fuqu ghaddieha lill-kumpannija. L-ishma kellhom jibqghu tieghu. Godwin Falzon kien dejqu jmur ikellmu dwar l-istess kwistjoni. Ma kenitx tkun prezenti waqt li zewgha kien ikun qed ikellem lil Godwin Falzon. Qalet li zewgha kien jghidilha li ma kienx lest jikteb l-ishma fuq hutu u kien iwissiha biex hi lanqas ma tmur tiffirma xi haga f`dak ir-rigward.

Stqarret illi l-ghalqa ta` Hal Ghaxaq kienet inxtrat minn kulhadd.

Spjegat li zewgha kien jiddejjaq b`dak li kien jghidlu Godwin Falzon izda qatt ma qalilha biex ma thallix li jmur jarah. Ikkonfermat li kien sar appuntament ma` nutar biex zewgha jiffirma l-ishma lil hutu. Zewgha kien inkwieta ghaliex ma riedx jiffirma. Wara l-mewt ta` zewgha, hija mxiet ma` hutu bhalma kien jaghmel zewgha. Hija qasmet id-*dividend*s izda xhin bdiet tara l-inganni, waqfet taqsam id-*dividend*s. Ikkonfermat li hadd ma geghlhaa taqsam id-*dividend*s ma` hut ir-ragel taghha. Zewgha kien jaqsam id-*dividend*s ghax hekk kien ikun irid. Ikkonfermat li c-cheque li tircievi minghand Central Cement Limited ikun ta` eluf ta` Ewro. Ikkonfermat li bejn l-1983 sakemm miet, zewgha kien jaqsam id-*dividend*s ma` l-erba` hutu. Zewgha kien imut ghal hutu.

Ikkonfermat li meta r-ragel kien qalilha li akkwista l-ishma tac-Central Cement Limited qalilha li l-flus li uza kien gabhom mill-kumpannija. Hija sostniet li hut ir-ragel taghha kienu jixtru kollox mill-flus tal-kumpanija. Rega` kkonfermat li r-ragel kien hallas ghall-ishma ta` Central Cement Limited mill-flus tal-kumpannija ghaliex hutu kienu jhallsu kollox mill-kumpannija. Il-flus li ntuzaw kienu tal-kumpannija izda l-ishma gew registrati fl-isem tar-ragel taghha biss.

Sar **riezami** ta` Doris Abela.

Xehdet illi l-ishma tac-Central Cement Limited nxtraw bi flus li kienu jfaddlu. Zewgha kien ha l-flus mid-dar taghhom biex jixtri dawn l-ishma. Spjegat li l-flus kienu taghha u ta` zewgha li kienu jfaddlu mill-paga. Insistiet li din il-verzjoni hija dik korretta.

Rinfaccjata b`li kienet xehdet waqt il-kontroezami, sahqet illi zewgha kien hallas mill-flus li faddlu. Qalet illi zewgha ma ghamilx bhal hutu u ma uzax flus tal-kumpannija biex jakkwista l-ishma in kwistjoni.

Mistoqsija minn fejn gew il-flus biex akkwistaw l-ishma tac-Central Cement Limited, hija sostniet li ma kinitx taf minn fejn gew.

**Josette Fenech** mid-Dipartiment tat-Taxxi xehdet illi l-file bin-nru IRS 2009 64 jirrigwarda *share transfer* wara *causa mortis* li saret a favur ta`

Doris Abela. Il-hlas sar minn Doris Abela permezz ta` *bank draft.* Dwar l-ishma ta` Central Cement Limited, thallset is-somma ta` Lm4,220, izda imbaghad irrizulta li kien hemm *overpayment* u hareg refund ta`nofs li nghata lil Doris Abela. Taf li saru diversi laqghat dwar il-kwistjoni tar-*refund.* Doris Abela kienet tkun akkumpanjata minn accountant Saviour Cauchi u wara mill-avukat taghha. Fuq Doris Abela daru 920 *d shares* u 7080 *e shares.* Kien hemm *overpayment* minhabba zball fis-sens illi thallas il-boll fuq l-intier tal-ishma mentri l-boll kellu jithallas fuq in-nofs billi l-ishma kienu meqjusa bhala tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Alfred u Doris Abela.

Fil-**kontroezami** xehdet illi l-bank draft kien ikopri wkoll kumpannija bl-isem ta` CAEJA Abela Brothers. Bhala *refund*, intbaghat in-nofs fuq kollox billi kien sar l-istess zball anke fir-rigward ta` CAEJA Abela Brothers. Ir-refund kien ghall-ammont ta` EUR 9951.08c.

**Nutar Dr Christopher Gatt** xehed illi wara li miet Alfred Abela kien inkarikat mill-armla tieghu Doris Abela sabiex jaghmel ricerki testamentarji u jiehu hsieb jaghmel il-*causa mortis* ta` l-immobbli u ta` ishma f`kumpanniji. Wahda mill-kumpanniji kienet Central Cement Limited. Huwa talab lil Doris Abela biex tikseb dikjarazzjoni minghand l-accountant taghha dwar kemm hemm ishma u kemm kien il-valur taghhom. Imbaghad kien ghadda kollox lil Dr Patricia Mallia. Fit-testment ta` Alfred Abela ma hemm xejn imnizzel dwar dawn l-ishma. Kulma hemm kien illi kien qed jahtar lil martu bhala eredi. Qal illi l-ahwa Abela qatt ma kkommunikaw mieghu dwar dawn l-ishma.

Fil-**kontroezami,** xehed illi l-causa mortis ta` l-ishma ssir bi skrittura privata jew b`kuntratt fejn jigi dikjarat kemm intirtu ishma ; imbaghad tithallas it-taxxa. F`ebda hin ma kien infurmat li hut ir-ragel tal-konvenuta kellhom xi pretensjonijiet dwar l-ishma. Huwa qatt ma ghamel kuntatt mal-ahwa Abela.

**Av. Dr. Claudette Fenech** mir-Registru tal-Kumpanniji esebiet il-file pubbliku ta` s-socjeta` CAEJA Abela Brothers li ghandha n-numru P 370, l-atti tas-socjeta` Abela Brothers bin-numru P 461, id-dokumenti ufficjali ta` Central Cement Limited, kif ukoll id-dokumenti tal-kumpannija CAEJA (Abela Bros Limited).

**Nutar Dr. Patrizia Mallia** xehdet illi kienet involuta fl-abbozzar u pubblikazzjoni tal-causa mortis tal-beni mmobbli u fid-dikjarazzjoni tax-

shares tal-kumpannija li kellu r-ragel ta` Doris Abela. Min-naha taghha hija dejjem ikkomunikat ma` Doris Abela u ma` l-accountant taghha kif ukoll ma` wiehed minn uliedha. Dan tal-ahhar hejja l-formuli li kellhom jigu prezentati l-MFSA biex tigi kkalkolata it-taxxa. Hija qatt ma kienet avvicinata mill-ahwa tad-defunt.

Fil-**kontroezami** xehdet illi hija ppubblikat l-att abbazi ta` l-informazzjoni li ghaddielha l-accountant tal-konvenuta.

**Nutar Dr Anton Borg** xehdet illi -konvenuta kienet kellmitu wara li kienet hallset it-taxxa tas-successjoni fuq ishma li kienu tal-komunjoni tal-akkwist ma` zewgha. Kien sar zball ghaliex meta saret id-dikjarazzjoni ta` l-ishma din saret fuq il-valur shih mhux fuq in-nofs. L-ishma kienu tal-kumpanniji CAEJA Abela Brothers Limited u Central Cement Limited. Huwa dahal fil-kwistjoni wara li kien tlesta l-process kollu tal-causa mortis. Kien hu li kiteb lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni dwar il-pagament zejjed li kien sar. Huwa kien ukoll ha hsieb l-procedura tat-trasferiment ta` vetturi li kienu registrati f`isem Alfred Abela.

Fil-**kontroezami** stqarr illi huwa pprepara Dok DA 5 ezebit a fol 94 kif ukoll id-dokument a fol 109 ezebit fil-kawza l-ohra. Kienu dikjarazzjonijiet li huwa ghamel ; wahda minnhom kienet korrettorja.

**Joseph Abela** – iben Alfred u Doris konjugi Abela – xehed illi huwa jaf li l-ishma fic-Central Cement Limited kienu fuq isem missieru. Lejn l-ahhar ta` hajtu, missieru kien qallu diversi affarijiet. Godwin Falzon kien kellmu dwar l-ishma tac-Central Cement Limited. Huwa qatt ma ra xi dokument dwar l-ishma ta` Central Cement Limited. Lanqas ma kien prezenti ghal laqghat li saru ma` ommu wara l-mewt ta` missieru rigward dawn l-ishma. Gieli tkellem ma` z-ziju tieghu John Abela. Il-posizzjoni taz-zijiet kienet illi ghalkemm l-ishma fis-Central Cement Limited kienu registrati fl-isem ta` missieru, fil-fatt kienu tal-ahwa. Huwa dejjem qaghad lura mill-kwistjoni.

Kompla jixhed illi missieru kien avvicinat minn Godwin Falzon dwar zewg hwejjeg u cioe` dwar il-post gewwa Rahal il-Gdid u dwar l-ishma ta` Central Cement Limited. Huwa kien ihalli lil missieru jitkellem ma` Falzon izda darba minnhom, missieru talbu biex imur jiccekkja x`inhi *trust* peress li Falzon kien issuggerixxa li ssir *trust* fir-rigward ta` l-ishma ta` Central Cement Limited. Meta kellem lin-Nutar Abela tar-Rabat, dan ma kienx tal-

fehma li ssir *trust*. Avza b`dan lil missieru u staqsa lil missieru ta` min kienu l-ishma. Missieru qalu li kienu tieghu biss, izda huwa jaqsam id-*dividend* ma` hutu. Kompla jghid li missieru kien qallu li meta giet iffurmata l-kumpannija, John u Anthony lanqas biss hargu l-ishma u Emanuel lanqas riedhom jidhlu fl-ishma. Missieru kien insista li jidhlu. Missieru kien jirrispetta hafna lil hutu, ghalkemm kien dispjacut ghall-mod kif kultant kien jigi trattat.

Fil-**kontroezami** spjega li l-kwistjoni ta` *trust* qamet qabel miet missieru. Missieru ma kienx ikkommetta ruhu ma` Godwin Falzon. Qal li ma jafx ghaliex Falzon semma t-trust lil missieru. Lilu missieru qallu li ma riedx trust fil-kaz tal-ishma ta` Central Cement Limited ghaliex l-ishma kienu kollha tieghu. Kemm in-Nutar Abela kif ukoll Falzon qablu x`hini trust. L-iskop li jsir trust kien sabiex l-ishma in kwistjoni jduru minn fuq missieru ghal fuq it-trust ghall-beneficcju ta` l-erbat ahwa.

**Adrian Abela** – iben Alfred u Doris konjugi Abela – xehed illi meta kien ikun hemm laqgha generali annwali ta` Central Cement Limited, missieru kien attendi dejjem. Ma jafx kemm kellu ishma missieru. Lanqas kien jaf li kienu f`isem missieru kemm dam haj. Kemm dam missieru haj, qatt ma semghu jghid xejn dwar dawn l-ishma.

**Josef Wallace Galea** xehed illi kien impjegat tas-socjeta` H & B Falzon & Falzon. Abela Brothers Limited kienu klijenti ta` H & B Falzon & Falzon. Meta miet Alfred Abela, kien hemm pendenzi li kienu jinvolvu Abela Brothers Limited, il-partnership ta` l-ahwa Abela, kif ukoll l-ishma ta` Central Cement Limited li kienu registrati f`isem Alfred Abela. Dan kien ighid illi kienu tieghu u ta` hutu.

Spjega li qabel miet Alfred Abela, huwa kien jehodlu hsieb it-tax returns. Lil hut Alfred Abela ma jafhomx. Kien hemm korrispondenza sabiex tigi ratifikata l-kwistjoni tax-shares ta` Central Cement Limited minhabba tal-premption rights. Alfred Abela qatt ma seta` jirratifika l-problema. Spjega li Alfred Abela kemm-il darba stqarr mieghu li huwa xtaq isolvi l-problema.

Stqarr illi kien ilu jahdem ghal Alfred Abela u hutu sa mill-1996. Jaf illi fil-bidu l-konvenuta kienet taqsam id-*dividend*s li tircievi mic-Central Cement Limited bejn erbgha. Waqt laqgha li ghaliha kien prezenti ma` Godwin Falzon, Doris Abela meta domandata tafx illi l-ishma kienu jappartjenu lill-erbat ahwa Abela, hija wiegbet illi meta hut zewgha jistmaw

lil uliedha mhux ta` lavrant hija kienet lesta ssib soluzzjoni ghall-kwistjoni tax-shares. Falzon kien qal lill-armla li kienet hi stess li gabet lil uliedha lavranti minhabba t-testment li kienu ghamlu hi u zewgha. Sostna li minkejja li kienu jafu b`dan kollu, id-ditta tieghu xorta assistew lill-armla biex l-ishma tac-Central Cement Limited jduru fuqha, peress illi ma setax isir trasferiment in vista tal-pre-emption rights. L-ishma kellhom bilfors iduru fuq Doris Abela bhala eredi ta` Alfred Abela. Stqarr illi armla kienet taf li l-ishma kienu ta` l-ahwa Abela. Il-pre-emption rights ghadhom hem sal-lum.

**<u>Emanuel Abela</u>** xehed illi huh Alfred kien fdat minn hutu.

Stqarr illi Central Cement Limited saret fl-1982. Huma l-ahwa hargu Lm2000 kull wiehed biex jixtru l-ishma.

Ighid illi dak iz-zmien fin-negozju kien hemm kumpannija. Hu u hutu kienu dejjem jibghatu lil Alfred biex jitratta ghalihom ukoll.

Stqarr illi Alfred kien jaghtihom mill-qligh li kien isir minn Central Cement Limited u cioe` 20% kull wiehed.

Ighid illi ma kienx hemm bzonn li jistaqsi lil Alfred jekk l-ishma kinux registrati f`isimhom peress li Alfred zgur li ma kienx ser jingannahom. Alfred kien qallu li r-registrazzjoni tal-ishma kellha ssir fuq persuna wahda - mhux fuq kollha.

Qal li Alfred qatt ma qalilhom li kien hemm problema dwar dawn l-ishma.

Stqarr illi sema` bl-iskrittura esebita a fol 8.

Ighid illi r dak id-dokument diga` ffirmat meta Alfred kien ghadu haj.

Ikkonferma li Doris l-armla ta` Alfred hallsithom id-*dividend*s minn tnejn sa tliet okkazzjonijiet.

Fil-**kontroezami**, xehed illi ghalkemm registrati fl-isem ta` Alfred, l-ishma ta` Central Cement Limited kienu jappartjenu lil kull wiehed mill-ahwa b`mod indaqs. Meta Alfred innegozja, ghamel hekk f`isem l-ahwa kollha.

## III. L-azzjoni attrici

Bl-azzjoni taghhom, l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni mill-qorti li l-ishma llum registrati mal-kumpannija Central Cement Limited fl-isem tal-konvenuta Doris Abela kienu gew sottoskritti minn zewgha l-mejjet Alfred Abela fl-interess tieghu u tal-atturi. Ghalhekk qeghdin jitolbu li ghandu jkun ordnat it-trasferiment tal-ishma favur l-aturi skont sehemhom. Fl-istess waqt talbu li l-konvenuta Central Cement Limited tkun ordnata tottempera ruhha. Talbu wkoll dikjarazzjoni fis-sens illi Doris Abela hadet *dividend*s li minnhom l-atturi kellhom sehem. Per konsegwenza talbu l-likwidazzjoni tad-*dividend*s ghandhom jigu likwidati flimkien ma` kundanna ta` hlas favur taghhom bl-imghax.

Jirrizulta illi l-azzjoni hija dik maghrufa bhala *actio mandati directa* billi qieghed jigi allegat mill-atturi li l-ishma li kienu akkwistati fis-socjeta` Central Cement Limited u li kienu registrati fl-isem ta` Alfred Abela kienu akkwistati minn Alfred Abela mhux ghall-beneficcju tieghu wahdu izda wkoll ghall-beneficcju ta` hutu l-atturi fi kwota ta` kwart ghal kull wiehed. Il-konvenuta Doris Abela qeghda tilqa` ghall-azzjoni attrici billi eccepiet illi l-ishma in kwistjoni kienu proprjeta` ta` zewgha minghajr ebda jedd fuqhom da parti tal-atturi. Min-naha taghha, Central Cement Limited eccepiet illi l-ishma kienu dejjem registrati fl-isem ta`Alfred Abela u li hija qatt ma kienet a konjizzjoni ta` xi ftehim bejn l-ahwa Abela ; wara l-mewt ta` Alfred Abela, l-ishma kien trasferiti *iure successionis* fuq l-eredi tal-istess Alfred Abela.

## IV. Il-mandatarju *prestanome*

**L-Art 1871A tal-Kap 16** li kien introdott bis-sahha tal-Att XIII tal-2004 jaqra hekk :-

> *(1) Kull persuna li zzomm proprjetà ghal persuna ohra, izzomm il-proprjetà soggetta ghal obbligazzjonijiet fiducjarji lejnil-persuna li tinkarigaha ghal dak l-ghan, u tkun regolata bid-*

*disposizzjonijiet ta` dan il-Kodici dwar obbligazzjonijiet fiducjarji.*

*(2) Meta dik il-persuna takkwista proprjetà f`isimha stess izda ghan-nom ta` mandant, il-mandant jkollu f`kull zmien il-jedd li jitlob minghand il-mandatarju t-trasferiment taghha immedjat u bla kondizzjoni. Il-mandatarju ghandu ma` dik it-talba, jew, f`kull kaz mat-tmiem taz-zmien li matulu kellu jkompli l-mandat, minnufih jaghti rendikont tal-mandat tieghu skont l-artikolu 1875 u jittrasferixxi l-proprjetà lill-mandant b`dak il-mod li jkun xieraq,soggett ghal xi kondizzjonijiet specjali tal-mandat dwar drittijiet uspejjez u jeddijiet ta` xi terzi in bona fide.*

*(3) Minkejja l-artikolu 1886, mandat favur persuna li tkun qedtagixxi skont dan l-artikolu ma jiskadix –*

*(a) mal-mewt tal-mandant u jibqa` jorbot lill-mandatarjuli jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati mieghu sa dak iz-zmien li l-proprjetà tkun mizmuma minnu tkun trasferita validament lill-eredi jewlegatarji tal-mandant ; u*

*(b) mal-falliment tal-mandant jew tal-mandatarju u jibqa`jorbot lill-mandatarju biex jikkonserva l-proprjetà u l-jeddijiet kollha relatati maghha sa dak iz-zmien li l-proprjetà mizmuma minnu tkun validament trasferitakif ordnat mill-qorti kompetenti ghall-beneficcju tal-mandant jew tal-kredituri tieghu skont il-kaz.*

*(4) Kondizzjoni tal-mandat li tkun tidher li torbot mandatarjukif intqal hawn fuq biex tkun trasferita l-proprjetà mizmuma minnu lil terzi wara l-mewt tal-mandant ma tkunx valida kemm-il darba dik id-disposizzjoni ma tkunx maghmula b`testment skont il-formalitajiet mehtiega bil-ligi.*

*(5) Fil-kaz tal-mewt tal-mandant, il-werrieta skont il-ligi jew l-ezekutur, jekk ikun hemm, tat-testment tal-mandant, ikunu marbutin bl-istess obbligazzjonijiet biex jikkonservaw il-proprjetà mizmuma ghall-mandant u li minnufih jittrasferixxu l-proprjetà lilujew kif jista` jordnalhom, salvi dawk il-jeddijiet ghall-hlas ta`drittijiet u spejjez pendenti skont il-ligi.*

*(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 1871(1), f`kazijiet fejn mandatarju, kif imsemmi hawn qabel, igib b`kull mezz ghall-attenzjoni ta` terzi l-fatt li huwa jkun qed jagixxi f`dik il-kapacità, il-mandatarju ma jkunx personalment responsabbli ghall-obbligazzjonijiet li jkunu saru hlief dwar u sal-limitu tal-proprjetà mizmuma minnu.*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Frar 2001 fil-kawza **Air Malta Company Ltd vs Richard Muscat et** (**PA/GV**) inghad hekk :-

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **`Carmelo sive Charles Azzopardi et noe vs George Cauchi`** ntqal : `Li hija haga mil-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f`isem haddiehor jew jekk dan ma jindikahx espressament. Il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f`isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f`isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni. Il-provi f`dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta` provi, jew anke fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandhu jigi eskluz. (Troplong Mandato no.50)."*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta` Novembru 2011 fil-kawza **Francis Saviour Mifsud vs Maria Carmela Mifsud et** (**PA/JRM**) inghad hekk :-

*"Illi ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta` natura legali li jirrigwardaw il-kaz tal-lum, irid jinghad li minkejja li jista` jidher li dik tal-attur hija azzjoni ta` rivendika jew ta` accertament ta` titolu, huwa jishaq li fis-sewwa hija azzjoni mqarrba lejn il-kwestjoni tal-prestanom, li hija wkoll maghrufa bhala l-actio mandati directa. Azzjoni bhal dik titfisser u titwettaq taht l-istitut tal-kuntratt tal-mandat jew prokura. Bis-sahha ta` kuntratt bhal dak, persuna tista` tahtar lil persuna ohra biex taghmel xi haga ghaliha (Art. 1856(1) tal-Kap 16), liema hatra tista` ssir b`kull mod li jkun imqar bil-fomm jew ukoll bla kliem ta` xejn (Art. 1857(2) tal-Kap 16), sakemm l-ghan ta` hatra bhal dik ikun haga lecita li min jaghmel il-hatra seta` jwettaq huwa wkoll (Art. 1857(1) tal-Kap 16). Illum il-gurnata, il-ligi taghna taghraf espressament qaghda bhal din u tirregola sewwa l-effetti*

*taghha fil-qafas ta` obbligazzjonijiet fiducjarji (Art. 1871A tal-Kap 16) ;*

*Illi d-duttrina ilha tqis il-prestanome bhala mandatarju u haga wahda, l-izjed fir-relazzjonijiet bejnu u l-mandant (Baudry-Lacantinerie & Wahl Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile (Vol: XXIV, § 890, f`pag. 486). Kemm hu hekk, huwa biss f`ghajnejn it-terzi persuni li din ir-rapprezentanza ma tidherx (billi l-mandatarju ma jiddikjarax li qieghed jidher f`isem il-mandant tieghu) u ghalhekk tissejjah rapprezentanza indiretta ;*

*Illi l-ligi taghna taghraf u taghti sahha lil dik ic-cirkostanza fejn, minkejja dak li jopprovdi l-artikolu 999(1) tal-Kodici Civili – u ghaliex jipprevalu r-regoli specjali tal-kuntratt talmandat u aktar u aktar dawk dwar obbligazzjonijiet fiducjarji – persuna tidher fuq att pubbliku u tikseb gid taht isimha imma fl-interess ta` min ikun hatarha taghmel hekk (App. Civ. 2.5.1957 fil-kawza fl-ismijiet **Mamo noe vs Sant Fournier noe** (Kollez. Vol: XLI.i.298)*

*Illi huwa stabilit li, biex jinghata mandat bhal dan, m`hemmx ghalfejn li jkun bil-miktub u l-ligi specjali li thares dan il-kuntratt dan tghidu car, b`mod li lanqas ma hija mehtiega l-kitba biex persuna tahtar lil persuna ohra biex tikseb gid immobbli f`isimha (App. Civ. 24.4.1931 fil-kawza fl-ismijiet **Galea et vs Gauci noe** (Kollez. Vol: XXVIII.i.60); u P.A. 11.1.1950 fil-kawza fl-ismijiet **Rizzo Bamber noe et vs Rizzo noe et** (Kollez. Vol: XXXIV.ii.430). Jehtieg, madankollu, li l-mandat ikun wiehed espress u mhux biss implicitu (App. Civ. 29.1.2010 fil-kawza fl-ismijiet **Victor Pisani vs Grazio Mizzi et** ). Ladarba ma jkunx hemm il-kitba f`hatra bhal dik, jaqa` fuq min jallega l-mandat il-piz li jippruvah kif imiss, u din il- prova trid tkun tajba bizzejjed biex toqghod ghall-vot talgrad probatorju mistenni f`kawza ta` xejra civili (App. Civ. 26.6.2009 fil-kawza fl-ismijiet **Rosario Agius et vs Carmelo Agius et**) ;*

*Illi l-effett tal-kisba ta` gid minn prestanome huwa dak li l- haga ssir tal-mandant minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju (App. Civ. 20.11.1953 fil-kawza fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia** (Kollez. Vol: XXXVII.i.350). Ghalhekk jinghad li l-parti attrici f`azzjoni mandati directa lanqas ghandha bzonn titlob li jithassar l-att li bih il-mandatarju jkun kiseb il-haga (P.A. PS 28.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et** (mhix appellata), ghaliex huwa bizzejjed li l-istess parti attrici turi li tassew kien hemm tali mandat u tghaddi biex titlob l-ezekuzzjoni specifika (P.A. TM 26.1.2007 fil-kawza fl-*

*ismijiet* ***Maria Attard vs Filippa Abela*** *(mhix appellata). F`dan ir-rigward, il-Qorti ma tistax toqghod fuq issottomissjonijiet maghmula mill-imharrek Stephen Mifsud li jridu li l-azzjoni attrici hija hazina ghaliex l-attur ma ghamilx talba ghat-thassir tal-kuntratt ta` bejgh ta` April 1974 ;*

*Illi l-azzjoni mandati directa tista` titressaq kemm millmandant kontra l-mandatarju jew il-werrieta tieghu u kemm ukoll mill-werrieta tal-mandant kontra l-istess mandatarju jew kontra l-werrieta tieghu. Dan jista` jsehh minkejja li l-mandat jintemm mal-mewt ta` xi wahda millpartijiet ghall-kuntratt. Izda minhabba li l-azzjoni mandati directa hija wahda personali, jidher li l-jedd tal-azzjoni jintilef jekk kemm-il darba l-haga miksuba mill-mandatarju tkun lahqet ghaddiet ghand terzi persuni ;*

*Illi huwa stabilit ukoll li l-azzjoni mandati directa tista` ssir fejn il-mandatarju prestanome ma jkunx kiseb il-gid kollu f`isem il-mandant tieghu u mqar jekk bicca mill-gid ikun kisbu ghalih proprio (Ara P.A. RCP 28.10.2003 fil-kawza fl-ismijiet* ***Norman Bezzina et vs Anthony Caruana et*** *(mhix appellata).”*

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Settembru 2012 fil-kawza “**Vincent Zammit et vs Joseph Micallef et**” il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri (**JD**) qalet hekk :-

*Fis-sistema legali taghna nsibu dak li jissejjah il-mandatarju prestanome. Infatti fil-kawza* ***Maria Calleja noe vs Paolo Deguara*** *(Qorti ta` l-Appell – 10 ta` Ottubru 1930, Vol XXVII.i.620) gie osservat :*

*“nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altre persone non figurante nell`atto ma avente diritto di avocare a se` quello che vi si e` contrattato nel proprio interesse”.*

*Fis-sentenza* ***Profs. Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe*** *(Qorti ta` l-Appell – 2 ta` Mejju 1957), dan l-istitut gie deskritt hekk :-*

*“Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta` mhux hlief il-*

*mandatarju. Meta huwa, f`din il-kwalita` ta` mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjeta` tal-haga mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita l-proprjeta` tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa` l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi talmandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u lhwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant."*

*F`dik il-kawza kienet saret dikjarazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju li ghalkemm dan ta` l-ahhar deher f`ismu proprju fuq il-kuntratt huwa kien fil-fatt qed jidher ghad-ditta. L-ewwel Qorti kienet qalet illi :*

*""…. jista` wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta` haddiehor bis-sahha ta` mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan l-iskop; liema mandat m`ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avvolja jkollu bhala effett tieghu l-akkwist ta` mmobbli. F`kaz bhal dan, il-fondi akkwistati mill-mandatarju jsiru tal-mandant minn dak il-mument stess tal-kuntratt, avvolja lmandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fondi f`ismu proprju, u fl-att ma jkun issemma` xejn li l-fondi kienu qeghdin jinxtraw fl-interess tal-mandant (Kollezz. Vol. XXXVII.I.350).*

----------- *omissis* -----------

*"Illi pero`, f`kaz bhal dan li ssemma`, il-prestanome li jkun gie verbalment kostitwit mandatarju hu fl-obbligu li jaddivjeni ghall-formalita` ta` l-att pubbliku biex minnu jirrizulta di fronti ghat-terzi li dak l-akkwist, apparentement maghmul mill-mandatarju f`ismu proprju, kien fir-realta` gie maghmul ghall-mandant tieghu; u jekk il-mandatarju ma jottemperax ruhu ghal dan l-obbligu, huwa jista` jigi kostrett mill-mandant ghall-ezekuzzjoni specifika ta` dak lobbligu tieghu li jittrasferixxi lill-mandant il-fondi akkwistati f`ismu proprju (Vol.XXVIII-I-60; Vol. XXXVII-I-350)."*

*Illi dwar it-tieni att li sar bejn il-mandant u l-mandatarju fejn gie dikjarat li ghalkemm il-mandatarju fl-ewwel kuntratt hu kien qed jidher in verita` ghad-ditta, l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell*

*iddecidiet li dan it-tieni att ghandu :- "jigi kkunsidrat bhala att li jirrapprezenta assenjazzjoni; u difatti, l-att li bih wiehed jassenja hu att li bih wiehed jistabilixxi, jiddetermina u jattribwixxi. Issa, bit-tieni kuntratt il-partijiet riedu, u hekk ghamlu, jiddeterminaw u jiddimostraw illi l-proprjeta` mhix ta` l-Inginier Edwin England Sant Fournier, kif juri l-ewwel kuntratt, imma invece tad-ditta konvenuta; u lil din id-ditta, ghaldaqstant, dik il-proprjeta` giet moghtija bhala proprja – dak li jfisser giet lilha attribwita jew assenjata;*

*"Kif sewwa ssottometta l-konvenut nomine, il-kelma "assenjazzjoni" ma ghandhiex l-istess sinifikat bhal kelma "dikjarazzjoni"; izda dikjarazzjoni tista` tirrakkjudi assenjazzjoni, jekk dan ikun il-kontenut taghha; u meta b`dikjarazzjoni jigi dimostrat li proprjeta` mhix ta` wiehed ghaliex dan hu biss apparentement is-sid taghha, izda ta` iehor, il-kontenut ta` dik id-dikjarazzjoni jimporta assenjazzjoni ta` dik il-proprjeta` lis-sid veru taghha.*

*B`hekk, difatti, dan jakkwista t-titolu ghal dik il-proprjeta` quddiem kulhadd".*

*Dan l-insenjament gie kkwotat u applikat f`gurisprudenza llum assodata (**Victor Pisani vs Grazio Mizzi et**, App Civ Nru: 326/2001 deciza fid-29 ta` Jannar, 2010; **Salvatore Ellis et vs Richard Ellis et**, App Civ Nru: 115/2005 deciza fit-30 ta` Settembru, 2011).*

*…..*

*Illi hekk kif inghad mill-ewwel Qorti fis-sentenza **Judith Lucchesi noe et vs Rita Sultana pro et noe** (Cit Nru: 556/1991 deciza fit-18 ta` Mejju, 2001):*

*Jiktbu a propozitu Baudry-Lacantinarie u Wahl, fit-Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile:-*

*"Il prestanome non si distingue dal mandatario; infatti la dissimulazione della sua qualita` non ha luogo che di fronte ai terzi. Gli oggetti acquistati appartengono quindi al mandante" (Vol. XXIV, pag. 486, nro. 890). U inveru, d-dispozizzjoni kontenuta flart. 1042 (1) tal-Kodici Civili taghna, fis-sens li "hadd ma jista` b`kuntratt f`ismu jobbliga jew jikkuntratta hlief ghalih innifsu", ghandha tigi kollegata mad-dispozizzjoni tal-ligi tal-*

*mandat, fis-sens li "meta l-mandatarju jkun agixxa flisem tieghu nnifsu, il-mandant m`ghandux azzjoni kontra dawk li maghhom ikun ikkuntratta, u lanqas dawn ma ghandhom azzjoni kontra l-mandant" (art. 1973 Kod. Cit.)"*

*11. Fin-nota spjegattiva li tintroduci s-sentenza riportata fil-Volum XXXVII-1-350, li hija s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fl-20 ta` Novembru 1953, fil-kawza fl-ismijiet* ***Carmela Farrugia v. Guiseppe Farrugia****, jinghad hekk:*

*"Meta wiehed jixtri, jew jakkwista bi kwalunkwe titolu li jkun, fond fl-interess ta` hadd iehor, u dan bis-sahha ta` mandat li dik il-persuna l-ohra tkun taghtu ghal dan liskop, il-fond hekk akkwistat minn dak il-mandatarju jsir tal-mandant minn dak il-mument stess, avolja l-mandatarju jkun ghamel l-akkwist tal-fond fl-isem tieghu proprju u fl-att ma jkun issemma` xejn li l-fond qieghed jinxtara fl-interess tal-mandant. Il-mandat moghti ghal dan l-iskop m`ghandux bzonn jinghata bil-miktub, avolja ghandu bhala oggett tieghu l-akkwist ta` stabbili; ghax mandat simili ma jimplikax da parti tal-mandatarju li jittrasferixxi l-fond lill-mandant wara li huwa jkun akkwistah fl-interess tal-mandant u bis-sahha tal-mandat. U dak ilmandatarju jista` jigi kostrett ghall-ezekuzzjoni specifika ta` l-obligu tieghu li jittrasferixxi l-fond lill-mandant; u mhux ilkaz li jigi ritenut li l-mandatarju huwa inadempjenti, ghax akkwista l-fond f`ismu u mhux f`isem il-mandanti, u li ghalhekk huwa jista` jigi biss azzjonat ghad-danni, u mhux ukoll ghall-ezekuzzjoni specifika. U biex il-mandant jezigi gudizzjarjament din il-ezekuzzjoni specifika mhux mehtieg li huwa jimpunja l-att ta` l-akkwist; imma huwa bizzejjed li huwa jipprova li l-akkwirent tal-fond, meta deher fuq l-att ta` l-akkwist, kien qieghed jidher u jikkuntratta fl-interess tal-mandanti, ghalkemm ghamel kollox f`ismu proprju."*

*12. Dik il-Qorti effettivament irriteniet testwalment hekk f`pagna 358 u 359 loc. cit.:*

*"......fil-kaz in ezami ma jistax jigi li l-obligu tal-mandatarju kien jirrizolvi ruhu fi promessa ta` trasferiment ta` l-istabbili minnu akkwistati b`inkariku u fl-interess taghha;*

*Infatti mhux il-kaz li l-appellant jigi msejjah biex ibiegh jew jittrasferixxi lill-attrici dak li huwa akkwista f`ismu, imma li jirrikonoxxi li dak l-akkwist huwa ghamlu fl-interess ta` lattrici, in ezekuzzjoni tal-mandat minnha lilu konferit, ghalkemm dan ir-*

*rikonoxximent ikollu jassumi l-forma ta` trasferiment minhabba n-necessita` ta` l-att pubbliku, li huwa rikjest ghat-titolu ta` kwalunkwe proprjeta` ta` stabbili. Fi ftit kliem, l-attrici kienet fil-fatt l-originarja kumpratrici, ghalkemm fuq l-att tad-29 ta` Mejju 1940 deher biss l-appellant f`ismu. Jinghad ukoll li, kif gie kostantement deciz minn din il-Qorti, "nulla osta in legge a che, senza impugnare un contratto, si dimostri con prove che uno dei contraenti compariva e stipulava per conto e interesse di altra persona non figurante sull`atto, ma avente diritto di avocare a se` quello che nel di lei interesse sia stato contrattato". Fis-sens tal-konsiderazzjonijiet zvolti f`dan il-paragrafu ara sentenzi ta` din il-Qorti in re "**Galea vs. Gauci**", 24 ta` April, 1931, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 60; in re "**Debono vs. Debono**", 13 ta` Marzu 1953; in re "**Calleja vs. Deguara**", 10 ta` Ottubru 1930, Kollez. Vol. XXVIII, parte I, pag. 620; u in re "**Zammit vs. Debattista**", 15 ta` Dicembru 1933:"*

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta` Gunju 2013 fil-kawza **Kim Catherine-Elizabeth Berglund Ellul vs George Grech** saret referenza ghall-gurisprudenza dwar il-mandat *prestanome* riportata fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza **David Mifsud et vs Peter Axisa et**. Analizi simili tal-gurisprudenza saret ukoll mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza li tat fis-6 ta` Dicembru 2013 fil-kawza **Dr Carmelo Galea noe vs Anthony Farrugia**.

## V. Il-konflitt tax-xiehda

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti tinsab rinfaccjata b`konflitt ta` provi.

Fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et vs Gauci et** il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri ttrattat il-konflitt ta` provi fil-kamp civili billi qalet hekk –

*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440).*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – **<u>PA/TM</u>** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – **<u>PA/PS</u>** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – **<u>PA/CC</u>** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" kien precizat hekk –

*Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)*

(ara wkoll : "**<u>Camilleri vs Borg</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, ghalkemm il-grad ta` prova fil-procediment civili m`huwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici supposizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju. Izda f`kazijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kwazi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdahhal xi eghmil tal-qerq tal-parti mharrka huwa ammess li "f`kawza civili d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta` presunzjonijiet u ndizji, purke` s`intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b`tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f`min hu msejjah biex jiggudika" (ara - P.A. PS - Emanuel Ciantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b`mod li, jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Mercieca). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma` dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm-il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, l-Qorti tista` taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*… Izda dak li jghodd f`kawza m`huwiex l-ghadd tax-xhieda mressqa ghaliex "il-fatt li xhieda jkunu gew prodotti minn parti partikolari f`kawza … certament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`ghajnejha maghluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jghidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jigix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` ohra, imma jigi prodott biex jghid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, izda, bhal ma jigri f`kazijiet bhal dawn, il-verzjonijiet tal-partijiet u ta` dawk li setghu nvoluti maghhom ikunu tabilfors mizghuda b`doza qawwija ta` apprezzament suggettiv ta` dak li jkun gara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpingi lilha nnifisha bhala l-vittma u l-parti l-ohra bhala l-hatja, u dan jghodd ukoll ghall-verzjonijiet li jaghtu*

*dawk il-persuni l-ohrajn li jkunu b`xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verzjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistghu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (ara - App. Civ. 19.6.2006 - Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta*

*unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

## VI. <u>L-ewwel tliet talbiet attrici</u>

Il-pretensjoni tal-atturi tittratta dwar 690 –il sehem Ordinarju “D” u 5310 –il sehem Ordinarju “E” fil-kumpannija konvenuta, li huma registrati fl-isem ta` l-konvenuta Doris Abela, u li l-atturi jikkontendu illi jappartenju lill-atturi fi kwota ta` kwart ghal kull wiehed minnhom, u fi kwota ta` kwart lill-eredi ta` huhom Alfred Abela.

Min-naha taghha, Doris Abela tikkontendi illi ma kien hemm l-ebda ftehim bejn l-erbat ahwa Abela illi zewgha Alfred Abela (wiehed mill-erbgha) jixtri fl-isem tal-erbat ahwa dawk l-ishma, ghaliex l-ishma in kwistjoni kienu akkwistati minn zewgha fl-interess personali tieghu biss. Dak l-akkwist ta` ishma kien jaghmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta` bejn Alfred u Doris Abela, u wara l-mewt ta` Alfred Abela, il-parti tieghu tal-ishma hija regolata skont is-successjoni tieghu. Ghalhekk Doris abela teccepixxi illi m`ghandux ikun hemm qasma favur l-atturi tal-ishma in kwistjoni.

Wara li semghet ix-xiehda, u wara li rat il-provi l-ohra, il-Qorti hija tal-fehma illi l-verzjoni tal-atturi taghti aktar affidament.

Il-Qorti tghid dan abbazi ta` l-konsiderazzjonijiet li gejjin.

Irrizulta li l-erbat ahwa Abela ( inkluz Alfred Abela) kellhom negozju ta` burdnara, li ha svolta anke bil-formazzjoni ta` socjetajiet.

Jidher li fiz-zmien centrali tal-kwistjoni bejn il-partijiet, in-negozju kien amministrat minn persuna wahda u cioe` minn Alfred Abela, hu l-atturi, u r-ragel tal-konvenuta Doris Abela.

Jirrizulta illi bejn l-erbat ahwa kien hemm fiducja reciproka tant illi l-erbat ahwa kienu jafdaw b`kollox lil wiehed minnhom u cioe` lil Alfred Abela. Jista` jinghad illi kienet tal-oghla grad il-fiducja li kien hemm bejn l-erbat ahwa, u bejn it-tlieta lejn Alfred Abela. Hadd minnhom ma kien jimmagina li xi wiehed jew aktar seta` jinganna lill-bqija.

Abbazi tal-provi, jirrizulta li fin-negozju li kien isir mill-erbat ahwa kien hemm prassi li l-assi kienu jigu akkwistati fl-isem ta` wiehed mill-ahwa. Qabel miet l-akkwist kien isir fl-isem ta` Carmelo Abela. Wara li miet, l-akkwist beda jsir fl-isem ta` Alfred Abela. Anke l-licenzi tal-kummerc kienu fl-isem ta` Alfred Abela (ara x-xiehda tas-Supt. Sharon Tanti a fol 217 sa 218). Anke il-vetturi li kienu jintuzaw fin-negozju kienu registrati fl-isem ta` isem Alfred Abela (ara fol 153 sa 160). Ma kienx hemm kontestazzjoni li dawn kienu in effetti propjeta` tan-negozju ta` bejn l-ahwa. Sar ukoll akkwist ta` mmobbli fl-isem ta` Alfred Abela u ta` Emanuel Abela izda kienu l-erbat ahwa li hargu minn taghhom ghall-hlas u kienu jircievu wkoll sehemhom mill-kirjiet tal-propjeta` in kwistjoni (ara x-xiehda ta` John Abela u d-dokumenti a fol 174 sa 208). Il-hlasijiet relatati man-negozju kienu wkoll isiru lil wiehed mill-ahwa ; fil-fatt Alfred Abela kien jidher ghal hutu wkoll li fl-ahhar mill-ahhar kienu qed jahdmu flimkien mieghu biex ikattru n-negozju li wara kollox kien jikkostitwixxi l-gid komuni ta` bejn l-ahwa. Taghmel referenza ghax-xiehda ta` Alfred Meli li fisser illi l-pagamenti li kienu jsiru lil Alfred Abela kienu jitqassmu bejn l-erbat ahwa. Wara l-mewt ta` Alfred Abela, ic-cheques li hargu fuq Alfred Abela kienu girati fuq is-socjeta` tal-ahwa Abela.

Dan premess, jirrizulta illi Central Cement Limited hija kumpannija li kienet iffurmata fl-1982 minn *stakeholders* tal-industrija. Dak iz-zmien l-erbat ahwa Abela kienu involuti lkoll fin-negozju ta` burdnara u ghalhekk kellhom interess dirett fil-formazzjoni ta` l-kumpannija. L-attur John Abela stqarr illi huwa kien jattendi ghal diversi laqghat li saru in konnessjoni mal-formazzjoni ta` Central Cement Limited. Xehed illi huhom Alfred Abela kien qalilhom li kellhom johrogu Lm8,000 bejniethom sabiex ikollhom sehem fil-kumpannija. Xehed illi accettaw li jaghmlu dak il-hlas huma l-erbgha u li l-ishma jkun taghhom l-erbgha mhux tal-kumpannija jew ta` socjeta` li kellhom flimkien. L-istess xehed l-attur Emmanuel Abela li wkoll sahaq li l-ishma ta` Central Cement Limited inxtraw bejn l-erbat ahwa u li kull wiehed mill-erbgha hareg Lm2,000 biex jigu akkwistati l-ishma.

Il-konvenuta Doris Abela tinsisti illi kien hemm inkonsistenza fix-xiehda tal-atturi. Tghid illi filwaqt illi fir-rikors guramentat, l-atturi ppremettew illi bi qbil bejniethom u huhom Alfred, l-ishma gew registrati fl-isem ta` Alfred bl-intendiment car li dawn jappartjenu lilhom l-erbgha, imbaghad meta xehed Godwin Falzon stqarr illi Alfred Abela kien ammetta li ghamel zball meta l-ishma kienu gew registrati fl-isem tieghu biss. Il-Qorti qieset b`reqqa l-provi kollha fl-assjem taghhom, u hija tal-ferma konvinzjoni li bejniethom l-atturi u Alfred Abela riedu li l-ishma jkunu taghhom personali mhux ta` xi kumpannija jew socjeta` anke jekk iffurmata minnhom stess. Fl-istess waqt bhal ma kienu jaghmlu fin-negozju kien hemm wiehed li ha hsieb li jirregistra l-ishma u ghamel hekk fl-isem tieghu biss. Il-Qorti tishaq illi bejn l-ahwa kien hemm fiducja fil-massimu taghha. Xehdu persuni – Alfred Meli, Godwin Falzon u Josef Wallace Galea - li l-Qorti tqis bhala indipendenti mill-ahwa u taghtihom affidament. Dawn ikkonfermaw illi Alfred Abela kien involut fis-Central Cement Limited kemm f`ismu kif ukoll f`isem hutu. In partikolari l-awditur Godwin Falzon xehed illi Alfred Abela stqarr mieghu kemm –il darba li l-ishma kienu gew akkwiztati fl-interess tal-erbat ahwa. Relevanti wkoll hija x-xiehda ta` Josef Wallace Galea mill-audit firm H & B Falzon & Falzon li kkonferma li Alfred Abela kien qallu diversi drabi li l-ishma ta` Central Cement Limited li kienu registrati f`ismu kienu tat-tlett hutu l-ohra fin-negozju wkoll u li kull wiehed mill-erbgha kellu kwart, minkejja li l-ishma kienu ufficjalment fuq ismu.

Il-Qorti evalwat ukoll dak li rrizulta fl-imgieba ta` Alfred Abela dwar dawn l-ishma, komportament li juri li Alfred Abela kien irrikonoxxa u accetta kemm-il darba l-ishma kienu jappartjenu lill-erbat ahwa.

John Abela xehed illi Alfred kien xtaq jsib mod kif l-ishma ta` Central Cement Limited jkun registrati fl-isem tat-tlett hutu l-ohra fin-negozju wkoll. Min-naha taghha, il-konvenuta nsistiet li dan ma kienx minnu izda l-atturi kienu jaghmlu pressjoni fuq zewgha biex jirregola l-kwistjoni. Madanakollu, irrizulta ben evidenti li r-relazzjoni bejn l-ahwa kienet wahda ta` fiducja massima b`tali mod li lanqas biss kien jahbat ma` mohh l-atturi li huhom Alfred seta` b`xi mod jingannahom jew johloq problemi ghalihom `il quddiem.

Jirrizulta ppruvat ukoll illi lejn l-ahhar ta` hajtu, Alfred Abela baqa` jinsisti biex jirrimedja ghall-kwistjoni tal-ishma. Huwa stabbilit illi Godwin Falzon kien izur lil Alfred Abela u li kienu jitkellmu dwar l-ishma. Anke Doris Abela taccetta li Godwin Falzon kien izur lil Alfred Abela. Skont hi, zewgha kien jiddejjaq ferm meta Godwin Falzon kien joqghod jinsisti mieghu sabiex l-ishma jkunu registrati wkoll fl-isem tal-atturi wkoll. F`ghajnejn il-Qorti, huwa bil-wisq inverosimili li awditur bhal Godwin Falzon kien ser

joqghod jinsisti ma` Alfred Abela sabiex dan idawwar l-ishma fuq isem l-atturi wkoll meta Falzon kien jaf u dejjem ghamilha cara ma` Alfred Abela li huwa ma kienx jaf b`mezzi ohra kif seta` jsir it-trasferiment ta` l-ishma minhabba l-*pre-emption rights clause* li kien hemm fl-istatut ta` Central Cement Limited. Assolutament ma hemm l-ebda prova illi Falzon kellu xi interess li jinfluwenza d-decizjoni ta` Alfred Abela favur l-atturi. Ghall-Qorti jaghmel aktar sens li Alfred Abela fl-ahhar ta` hajtu kien qed jirrealizza li l-kwistjoni tal-ishma kienet sejra tithabbel aktar bil-mewt tieghu ; u ghalhekk kien qed jaghmel l-ahhar sforzi tieghu biex il-kwistjoni li maz-zmien ma nghatatx wisq importanza mill-ahwa minhabba l-klima ta` fiducja li kien hemm bejniethom tigi rimedjata mill-aktar fis.

Jidher li tabilhaqq saru diskussjonijiet bejn Alfred Abela u Godwin Falzon anke fuq insistenza ta` Alfred Abela (mhux bil-maqlub kif tallega Dorios Abela) sabiex issir dikjarazzjoni quddiem nutar fejn ikun rikonoxxjut il-jedd tal-atturi fuq l-ishma jew sabiex l-ishma jigu trasferiti fi trust. Josef Abela (iben Alfred) ikkonferma li sar diskors bejn Falzon u missieru dwar dan tant li huwa stess kien mar isaqsi lil nutar x`inhi trust. Anke fuq li xehed Josef Abela, jista` jigi kostatat ukoll illi Alfred Abela kien qed jitkellem ma` Godwin Falzon b`tali mod li l-ishma ta` Central Cement Limited kienu qed jitqiesu bhala tal-erbat ahwa mhux ta` Alfred Abela wahdu. Ghalhekk anke l-komportament ta` Alfred Abela lejn l-ahhar ta` hajtu kien kompatibbli u konsistenti fl-accettazzjoni tieghu illi sa mill-bidu nett, l-akkwist tal-ishma kien sar mhux fl-interess tieghu biss izda fl-interess tal-erbat ahwa.

Jirrizulta illi minhabba l-insistenza ta` Alfred Abela, Godwin Falzon kien kiteb ittra lil Central Cement Limited fl-14 ta` Novembru 1983 (fol 1015) fejn talab sabiex l-ishma ta` Alfred Abela jigu trasferiti fl-isem tal-kumpannija tal-erbat ahwa. Jirrizulta wkoll li l-ittra marret tassew ghaliex fis-7 ta` Frar 1984, Central Cement Limited wiegbet fin-negattiv ghar-rikjesta minhabba l-kwistjoni tal-*pre-emption rights* (fol 1014).

Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenuta kif dedotta fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha fejn tghid illi ma tressqitx prova li l-ittra saret bl-gharfien ta` Alfred Abela. L-assjem tac-cirkostanzi juru li l-ittra saret addirittura fuq insistenza ta` Alfred Abela li kien qed jinkwieta ghas-sitwazzjoni futura ta` hutu, kuntrarjament ghall-atteggjament mehud minn hutu l-atturi li kienu jafdaw fih kompletament u kienu jahsbu li kulhadd ser jibqa` jagixxi maghhom bl-istess mod bhalma kien jagixxi huhom maghhom. F`ghajnejn il-Qorti, din l-ittra hija prova tajba hafna peress li turi li sa minn mindu kienu akkwistati l-ishma, Alfred Abela kien jaf li dawn kienu tat-tlett hutu fin-negozju wkoll, u kien qed jipprova jiehu mizuri apoziti biex

jirrettifika s-sitwazzjoni. Tajjeb jinghad wkoll li Josef Wallace Galea ghamel ukoll referenza ghall-korrispendenza li kienet giet skambjata ma` Central Cement Limited bl-iskop li l-problema tigi solvuta. Fisser illi Alfred Abela kien dejjem jaghmilha cara mieghu li dawn l-ishma huma ta` l-erbat ahwa fi kwoti ugwali u li huwa kien jixtieq hafna li jsib soluzzjoni dwar kif jista` jdawwar dawn l-ishma f`isem hutu wkoll.

Prova ohra li ssostni l-fehma illi l-ishma in kwistjoni kienu in effetti tal-erbat ahwa hija l-fatt li d-*dividend*s li kienet tohrog Central Cement Limited kienu dejjem jinqasmu ugwalment f`erbgha bejn Alfred Abela u l-atturi. Il-qsim tad-*dividend*s b`dan il-mod kien konfermat minn John Abela, Emanuel Abela u Godwin Falzon. Anke Doris Abela taccetta li d-*dividend*s kienu jinqasmu bejn l-erbat ahwa izda sostniet li dan kien isir ghaliex zewgha kien ihobbhom wisq lil hutu u kien dejjem jixtieq jaghtihom milli ghandu. Ghal darb`ohra, il-Qorti ssib illi l-allegazzjoni ta` Doris Abela hihja nfondata. Alfred Abela verament kien jistma u jhobb lil hutu izda kien jaghtihom sehemhom mid-*dividend*s ghaliex dawn l-ishma kienu ta` hutu wkoll. Li kieku tassew il-fatt illi Alfred Abela kien jaqsam id-*dividend*s ma` l-atturi kienet ir-rieda tajba tieghu lejn hutu, kif ma kienx jaqsam ukoll ma` hutu l-ohra l-intervenuti fil-kawza ? Kien jaqsam biss mal-atturi ghaliex fil-verita` kull wiehed mill-atturi kellu kwart ta` dawk l-ishma.

L-atturi pprezentaw dikjarazzjoni allegatament iffirmata minn Alfred Abela li fiha hemm dikjarat li l-ishma ta` Central Cement Limited jappartjenu lill-erbat ahwa fi kwoti ugwali (Dok GF1 a fol 113 u bhala Dok B a fol 8). L-iskrittura taqra :-

*"I , Mr Alfred Abela, who resides at `Honey` Ninu Cremona Street, Paola, declare that although I have a shareholding, in my name, of 8000 shares in Central Cement Co. Limited, the actual shareholding is divided as follows :- Mr Alfred Abela : 2000 shares ; Mr John Abela : 2000 shares ; Mr Emanuel Abela : 2000 shares ; Mr Anthony Abela : 2000 shares"*

Il-konvenuta kkontestat l-awtenticita` tal-firma ta` Alfred Abela fuq id-dokument.

In vista ta` din il-kontestazzjoni, kien nominat Dr Anthony Abela Medici bhala espert kalligrafu.

Fir-relazzjoni tieghu, l-espert kalligrafu jghid hekk :-

1. *Li l-awtenticita` tal-firma fuq id-dokument GF1 wisq probabli ma hijiex ta` Alfred Abela izda ta` terza persuna ;*

2. *Li l-firma fuq id-dokument GF1 kien wisq probabbli kkupjar tal-firma ta` Alfred Abela maghmula minn persuna li bilfors ghamlet zmien tipprattika tali kkupjar izda li probabbilment uzat bhala mudell firma ta` Alfred Abela li kien ghamel fis-sena 1984 u cioe` 22 sena qabel ;*

3. *Li l-firma fuq id-dokument a fol 8 kien wisq probabbli kkupjar tal-firma ta` Alfred Abela maghmula minn persuna li bilfors gahmlet zmien tipprattika tali kkupjar izda li probabilment uzat bhala mudell firma ta` Alfred Abela li kien ghamel fuq l-istess att pubbliku fis-sena 1984 u cioe` 22 sena qabel ;*

4. *Li f`kull xhieda li giet prodotta mill-atturi giet ammessa li Alfred Abela allegatament iffirma dokument wiehed biss nhar id-9 ta` Jannar 2006 u mhux tnejn. Jidher car ghalhekk li ghalmenu jew id-dokument B a fol 8 huwa falz, jew id-dokument GF1 a fol 113 huwa falz jew iz-zewg dokumenti huma foloz kif fil-fatt hija il-probabilita` gholja. Dan wkoll iqajjem dubbji ragonevoli fuq l-awtenticita` tad-dokument GF1 u x-xhieda ta` Godwin Falzon u ta` John Abela, partikolarment meta Alfred Abela miet fit-23 ta` Jannar 2006 u jkompli jsahhah il-konkluzzjonijiet mahruga mill-ezamijiet kalligrafici ;*

5. *Li d-dokument GF1 sar verament b`typewriter u li kien totalment identiku ghal dokument a fol 8 tal-process hlief ghal firem fuqhom li kienu differenti minn xulxin. Superimposizzjoni tad-dokument GF1 fuq id-dokument a fol 8 juru bic-ca li huma kompletament superimposti fuq xulxin u ghalhekk saru bl-istess typewriter u fl-istess hin. Jista` jkun ukoll li d-dokument a fol 8 kien fotokopja ta` GF 1 qabel ma saru l-firem fuqhom.*

Il-Qorti akkordat it-talba tal-atturi illi jeskutu lill-perit kalligrafu.

Fl-eskussjoni, Dr Abela Medici sostna l-konkluzjonijiet tieghu.

Kif inghad minn din il-Qorti (**PA/NC**) fis-sentenza li tat fit-28 ta` Jannar 2005 fil-kawza **Mark Farrugia et vs Michael Arthur Williams et noe** ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull

prova ohra u l-Qorti mhix tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il-giudizio dell`arte kif espress mill-perit tekniku m`ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma rragonevoli fil-kumpless tac-cirkostanzi. Il-Qorti m`ghandhiex tiskarta il-konkluzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b`mod legger jew kappricciuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "informata u bbazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika".

(ara wkoll : **Giswalda Bugeja et vs Emmanuele Muscat et** : Appell Civili : 23 ta` Gunju 1967 ; **PA/JRM**) : 25 ta` Settembru 2003 : **Paul Grech et vs Lawrence Grech et** ; **PA/RCP** : 28 ta` Frar 2002 : **Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg** ; **Philip Grima vs Carmelo Mamo** – Appell Civili 29 ta` Mejju 1998 ; **Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca** – Appell Civili 6 ta` Ottubru 1999 ; **John Saliba vs Joseph Farrugia** - Appell Civili 28 ta` Jannar 2000 ; **Sammy Tabone vs Carmel Tabone et** – Appell Civili 5 ta` Ottubru 2001).

Tajjeb jinghad illi fil-kawza tal-lum ma saret l-ebda talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Fis-sostanza, l-perit tekniku qed ighid li l-firma ta` Alfred Abela li tidher fid-dokument in kwistjoni wisq probabbli mhijiex ta` Alfred Abela izda probabilment saret minn terza persuna li fl-2006 bi zball uza firma antika tal-1984 bhala *template.*

Jirrizulta mir-rapport tal-espert tekniku jidher illi Dr Abela Medici telaq mill-punt illi d-dikjarazzjoni in kwistjoni saret fl-2006, billi abbazi ta` dak li xehed Godwin Falzon fit-12 ta` Marzu 2012, dak li xehed kien interpretat bhala li l-iskrittura in kwistjoni kienet iffirmata ftit qabel miet Alfred Abela.

Din il-Qorti fliet sew dik ix-xiehda u tqis illi dak xehed Falzon kien illi dik l-iskrittura saret zmien ilu, imbaghad meta Alfred Abela kien wasal fl-ahhar ta` hajtu, huwa kien issuggerielu li ssir kitba ohra simili izda din id-darba quddiem nutar, liema suggeriment qatt ma gie attwata ghax Alfred Abela lahaq miet.

Din il-Qorti tqis li jkun pertinenti li tigi citata *verbatim* din ix-xiehda :-

*"… Li niftakar kienet li x-shares ta` Central Cement kienu daru mill-ewewl fuq Alfred Abela u habba f`hekk Alfred Abela wara rrikonoxxa….li kien ghamel zball…..u kien dejjem jghidli arak if tirrangali biex dawk ix-shares jigu fuq l-erba` ahwa…….Dan sar matul il-hajja, imma qabel ma miet kelli cirkostanzi ohra....fil-verita fl-**antik ilu,** Fredu kont gieghltu, mhux gieghltu, talabni hu, ghedtlu Fred jiena ma nistax nikteb lil Central Cement u nghidlu dawwarhom fuq hutek, li trid taghmel trid toffrihom ghal bejgh u mbaghad hutek jekk jixtruhom ikunu xtrawhom. Ghedtlu naghmlu bicca xoghol, tridx tiffirmali karta fejn inti tiddikjara x-shares ta` min huma?....Dak l-ufficju taghna meta kien ghadu Regency House l-Belt. Fil-fatt bit-typewriter, lanqas kienu ghadhom jezistu computers dak iz-zmien."*

Aktar `il quddiem, Godwin Falzon iccara x-xiehda tieghu u spjega li l-iskrittura saret in konnessjoni ma` l-ittra li kienet intbaghtet lil Central Cement Limited fl-14 ta` Novembru 1983. Spjega ukoll li d-dokument kien sar qabel l-1987 meta l-ufficcju tieghu kien ghadu l-Belt u kienet ghadha tintuza t-typewriter. Ix-xiehda ta` Godwin Falzon kienet tipprecedi l-presentata tar-rapport tal-espert kalligrafu.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, meqjusa l-konkluzjoni tal-espert, jirrizulta li l-firma ta` Alfred Abela li tidher fid-dokument kontestat taqbel mal-firem originali ta` Alfred Abela li saru fl-1984.

Infatti l-espert jispjega fir-rapport tieghu illi :-

*"meta wiehed jezamina l-firma a fol 8 in konfront mal-firem genwini ta` Alfred Abela, u specifikament P 17 maghmula fl-1984 … jidhru konvergenzi tajbin …meta wiehed jezamina l-firma fuq dokument GF1 a fol 118 …in konfront mal-firem genwini ta` Alfred abela, u specifikament P 18 maghmula fl-1984… jidhru konvergenzi tajbin."*

Il-Qorti fehmet illi fl-eventwalita` li l-espert ibbaza ruhu fuq il-premessa li l-iskrittura saret fis-snin tmenin, ir-rapport kien ikun differenti

stante li l-firma riprodotta fuq id-dokument in kwistjoni ghandha konvergenzi tajbin mal-firma genwina ta` Alfred Abela maghmula fis-sena 1984.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta tallega li evidenza ohra li tindika li dak id-dokument huwa falz tirrizulta mill-fatt li dan ma kienx l-ewwel ezempju ta` mgieba ta` dan it-tip imputabbli lill-atturi jew min minnhom. Ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fis-26 ta` Marzu 2010 fil-kawza **George Abela et vs Alfred Abela et** fejn sar accenn ghall-fatt li f`dak il-procediment irrizulta li kien hemm xi dokumenti li rrizultaw li kienu foloz.

Din il-Qorti tqis li dak li seta` rrizulta f`dik il-kawza m`ghandu x`jaqsam xejn ma` dak li sehh fil-kawza tal-lum, apparti l-fatt li fil-kawza li ghaliha tirreferi l-konvenuta, kien hemm inkluz id-defunt zewgha fost il-konvenuti.

Din il-Qorti tqis li tenut kont tal-assjem ta` fatti u cirkostanzi, hija sejra tiskarta bhala prova l-konkluzjoni tal-espert kalligrafu u tqis id-dokument in kwistjoni bhala genwin inkluz il-firma ta` Alfred Abela, u dan fuq bazi ta` probabilita`.

Din il-Qorti tkompli tinsisti li d-decizjoni taghha mhijiex motivata esklussivament fuq l-ammissibilita` ta` Dok GF1.

Ghal din il-Qorti, hemm ferm aktar provi li jikkorrabora l-istanza attrici fl-assjem taghha.

Dan premess, tajjeb li jitqies x`kien il-komportament tal-eredi ta` Alfred Abela dwar it-tqassim tad-dividends.

Huwa fatt ikkonfermat mill-provi illi wara l-mewt ta` Alfred Abela, Doris Abela baqghet taqsam id-*dividend*s mill-ishma ta` Central Cement Limited mat-tliet atturi. Apparti d-deposizzjonijiet, dan il-fatt huwa konfermat mill-inkartament esebit minn Romuald Attard a fol 51 sa fol 53 u minn dak esebit minn John Mary Sammut a fol 65.

Il-konvenuta ggustifikat l-imgieba taghha billi sostniet li hija baqghet taghmel dak li kien jaghmel zewgha izda li imbaghad xhin rat li l-atturi kienu ser jipprovaw jippregudikaw id-drittijiet taghha, waqfet taqsam id-*dividend*s maghhom. Anzi bdiet issostni li l-ishma kienu fl-intier proprjeta` taghha.

Abbazi tal-fatti u cirkostanzi li hargu mill-assjem tal-provi, il-Qorti ghandha c-certezza morali illi Doris Abela baqghet thallas id-*dividend*s lill-atturi fi kwoti ugwali bejniethom peress li kienet taf li de facto l-ishma kienu proprjeta` taghhom ukoll. Kien biss xhin bdiet tara li ma kinitx qed tigi involuta mill-atturi l-ohra fin-negozju u wara li nghatat parir li l-ishma kienu ntestati lil zewgha biss li dawwret dan il-fatt f`*bargaining tool* sabiex tgholli l-i*stakes* taghha fin-negozju.

Il-Qorti tirreferi ghall-kontradizzjonijiet evidenti *to say the least* li hargu fid-desposizzjoni ta` Doris Abela in ezami, in kontroezami u kif ukoll meta xehdet ulterjorment fl-udjenza li segwiet l-udjenza tal-kontroezami.

Prova ohra indikattiva dwar l-ishma hija l-fatt li skont Dok GF2 a fol 114, CAEJA ossija s-socjeta` tal-erbat ahwa kienet hallset 75% tat-taxxa tal-boll fuq it-trasferiment tal-ishma *causa mortis* lil Doris Abela. Dan ikompli jikkonferma kif kien rikonoxxjut li l-atturi kellhom tlett kwarti ta` dawn l-ishma. Fl-istess Dok GF2 hemm indikati t-tpacija u l-hlasijiet li saru bejn l-atturi u bejn il-konvenuta wara l-mewt ta` Alfred Abela sabiex b`hekk imbaghad Doris Abela inghatat zewg cheques bi hlasijiet. Ghal din il-Qorti, dan id-dokument ghandu jinghata piz minkejja li l-flus ghall-*bank draft* li bih thallas il-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg minn kont ta` Doris Abela, hekk kif irrizulta mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta. Il-fatt li l-flus hargu minn kont bankarju ta` Doris Abela ma jfissirx b`daqshekk li l-flus kienu ta` Doris Abela wahedha.

Doris Abela taghmel l-argument illi li kieku tassew l-ishma ma kinux proprjeta` ta` zewgha biss, l-atturi kienu jittentaw iwaqqfu li l-ishma milli jigu trasferiti fuq isimha wara l-mewt ta` Alfred Abela. Din il-Qorti tifhem il-pozizzjoni li sabu ruhhom fiha l-atturi. L-ishma ma setghux jibqghu ntestati fl-isem ta` Alfred Abela ladarba miet u ghalhekk kien ghal kollox naturali li kellhom jibdew jidhru fl-isem tal-eredi tieghu, dan aktar u aktar meta sa dak iz-zmien, il-konvenuta kienet ghadha thallashom ta` sehemhom mid-*dividend*s. Kien imbaghad xhin beda l-inkwiet mal-konvenuta wara l-mewt ta` Alfred Abela fejn il-fiducja taret mar-rih u kellhom jidhlu l-avukati.

Fix-xiehda taghha, Doris Abela taccetta illi hija kienet lesta tghaddi parti mill-ishma lill-atturi. Saviour Cauchi, l-*accountant* inkarigat minn Doris Abela, xehed illi li kien hemm diversi divergenzi bejn Doris Abela u l-atturi izda fir-rigward ta` l-ishma, Doris Abela ma kenitx cahdet it-talba ta` l-atturi li jduru l-ishma fuq isimhom ukoll, dment illi l-atturi jaslu maghha dwar kwistjonijiet ohra. Dan jaqbel ma` li xehed l-attur John Abela li stqarr illi l-konvenuta kienet iddikjarat mieghu illi kienet taf li l-ishma ta` Central Cement Limited kienu tal-erbat ahwa izda hija riedet tiehu xi haga aktar u tkun preferuta fosthom peress li skont hi zewgha kien biezel u jahdem hafna.

Il-Qorti tiftakar kjarament lil Doris Abela tixhed viva voce meta ghal serje ta` domandi li ghamlet il-Qorti stess hija ammettiet li l-flus biex inxtraw l-ishma hargu mill-kumpannija, mhux mill-flus taghha u ta` zewgha.

Il-Qorti tiftakar kjarament ukoll illi fir-riezami Doris Abela biddlet ta` taht fuq il-verzjoni taghha meta xehdet li l-flus biex inxtraw l-ishma kienu flus taghhom li hi u zewgha kellhom id-dar.

Madanakollu meta l-Qorti ghamlet aktar domandi hi lil Doris Abela din ammettiet li l-atturi kienu hargu Lm2,000 kull wiehed mill-kumpannija mentri zewgha hallas is-sehem tieghu minn flus li kien faddal.

Aktar tard fl-istess xiehda, imbaghad il-konvenuta rega` hadet svolta ohra billi xehdet li ma kenitx taf mnejn gew il-flus biex kienu akkwistati l-ishma.

Il-Qorti terga` tishaq illi x-xiehda ta` Doris Abela kienet inkonsistenti u konfliggenti fl-oghla grad.

Ghal din il-Qorti, huwa mill-aktar evidenti illi l-konvenuta ppruvat tevita tirrispondi d-domandi li bdiet tpoggilha l-Qorti stess b`mod tant semplici u car, u bit-twegibiet kontradittorji taghha ghamlet minn kollox biex tevita r-realta` tal-fatti ossija, li l-ishma kienu propjeta` tal-erbat ahwa.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, il-konvenuta sahqet li l-komportament ta` l-atturi kien kuntrarju ghall-allegazzjoni taghhom li huma kellhom sehem mill-ishma in kwistjoni. Tghid illi l-atturi ressqu l-pretensjonijiet taghhom dwar l-ishma wara li l-ishma daru ghal isimha.

Insistiet illi bil-kawza taghhom l-atturi qed jimpunjaw dak li ghadda favur taghha b`wirt minghand zewgha izda ma ressqu ebda talba biex jimpunjaw il-wirt ta` zewgha jew biex jithassar dak li ghadda favur taghha bis-sahha tal-wirt tieghu.

Il-Qorti tqis illi din il-kawza ma tittrattax dwar l-impunjazzjoni tas-successjoni ta` Alfred Abela. Il-kwistjoni hija dwar kif akkwista Alfred Abela dawk l-ishma. Hija kwistjoni dwar mandat *prestanome* u mhux dwar jekk l-atturi humiex qed jaccettaw jew jimpunjaw is-successjoni ta` huhom. Il-vertenza hi jekk l-ishma humiex proprjeta` ukoll ta` l-atturi f`ishma ndivizi u mhux jekk dawn l-ishma kellhomx jirtuhom huma minflok il-konvenuta wara l-mewt ta` Alfred Abela.

Fil-kors tal-kawza kien hemm intervent fil-kawza *in statu et terminis.*

Il-Qorti taghmilha cara li l-pozizzjoni ta` intervenut fil-kawza mhijiex l-istess bhal dik ta` konvenut.

Fis-sentenza li tat fid-29 ta` Ottubru 2010 fil-kawza **Alex Azzopardi vs Anna Ellul** din il-Qorti (**PA/FS**) qalet hekk :-

> *Irriferiet ghal decizjonijiet* ***Markiz Joseph Philip Testaferrata Bonici et vs Evelyn Micallef et*** *(Qorti ta` l- Appell – 10 ta` Jannar 2007) fejn il-Qorti qalet:*
>
> *"Huwa veru li skond il-vot tal-ligi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawza ma jissospendix il-procediment. B`danakollu, kif issokta jigi enuncjat, "dan ma jfissirx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu ghadhom iridu jsiru ghall-istruzzjoni tal-kawza, intervenut ma jistax japprofitta ruhu mill-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex igib `il quddiem ir-ragunijiet tieghu".... L-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta jghid: "Kull min juri b`sodisfazzjoni tal-Qorti li huwa ghandu interess f`kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista` fuq rikors, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti filkawza, f`kull waqt taghha, sew fil-qorti ta` l-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta` appell; izda dan l-intervent filkawza ma jwaqqafx il-proceduri taghha."*
>
> *Il-Qorti f`dan l-istadju sejra tikkwota minn sentenza ohra tal-Qorti ta` l-Appell (LFS, NC, JA) fl-ismijiet* ***Gladys Magri et vs***

***Market Intelligence Services Company Limited,*** *deciza fl-20 ta` Mejju 2009 [Citazz. Numru 619/97] fejn intqal:*

*"2. In-natura ta` l-intervenut fil-kawza: Fis-sentenza ta` l-10 ta` Novembru 1888 tal-Corte Civile di Sua Maesta, Prim`Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet* ***Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri****, intqal:*

*"Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere Ia domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l`effetto di essere, considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto; "Che dagli articoli 977, 978 e 979 delle Leggi di Procedura combinati insieme, si desume che l`ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere so spendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto queIlo che ha perduto. Perocchè in quelle disposizioni, dopocchè vi fu stabilito che l`interessato in una lite, dietro suo ricorso, potesse essere ammesso nello stato e nei termini, senza indicarne alcun altro diritto nè alcun obbligo, si e` passato a parlare del chiamato in causa, ritenendolo come convenuto, e come se la causa fosse stata sin dal principio proposta contro di lui, con potere fare scritture, dare qualunque eccezione, ed avere qualunque vantaggio che Ia legge accorda ad un convenuto, e, per conseguenza, con poter essere, secondo le circostanze, liberato o condannato. Or se all`ammesso nello stato e nei termini si fosser volute dare quei vantaggi od imporre quegli oblighi, in tutto od in parte, quelle disposizioni di legge sarebbero concepite in modo da risultarne quel concetto."*

*Ukoll, fil-kawza deciza mill-AuIa Civile fit-8 ta` Mejju 1905 fl-ismijiet* ***Nob. lgnazio Testaferrata Bonici versus Nob. Filippo Testaferrata Bonnici noe et****, intqal:*

*"Considerando che gli eccipienti fondano Ia Ioro eccezione sull`articolo 979 delle Leggi di Procedura ove e` disposto che, "il "terzo chiamato in causa potra` valersi del dritto di fare qualunque "scrittura, dare qualunque eccezione ed avere qualunque vantaggio "che Ia legge accorda ad un convenuto, e*

*potrà, secondo le "circostanze essere condannato o Iiberato come se fosse stato sin "da principio contro di Iui proposta Ia causa"; mentre tale disposizione non occorre nell` articolo precedente 977, ove si contempla il caso dell` ammesso in causa ; Che, pero`, il suddetto articolo 977 si limita a dire che I` interventore riprende Ia causa "nello stato e nei termini in cui Ia stessa "si trovi", e che Ia sua ammissione "non sospende Ia procedura della causa". II che` non significa che` in tutti gli atti che restano a compiere per I` istruzione della causa dopo Ia sua ammissione egli non possa valersi di tutti i mezzi che la legge gli accorda per far valere le proprie ragioni. Senza di cio` l`intervento fallirebbe ai principali suoi scopi; di tutelare, cioe`, gli interessi dell`interventore di fronte ad una o ad amendue le parti contendenti e di non moltiplicare le liti. Che se per l`articolo 262 di quelle leggi chiunque creda di avere interesse puo` interporre appello da una sentenza allo scopo di dimostrarne la ingiustizia coi mezzi tutti che` la legge accorda a qualunque appellante, a piu` forte ragione si deve ritenere che colui il quale, dimostrato il suo interesse, viene ammesso in una causa fra altri pendente, puo` valersi di tali mezzi per far valere le proprie ragioni;"*

*Fis-sentenza moghtija mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Joseph Flores fit-28 ta` Ottubru 1960 fl-ismijiet **Ivo Borg vs Carmelo Muscat** intqal:*

*`l-frazi "a party to the suit" ma kienetx tirrikorri fit-test originali tal-ligi bit-Taljan li kien jinqara "Chiunque dimostri ... di avere interesse in una causa gia` tra altri pendente puo` essere ammesso allo stato e nei termini in cui essa si trova..." Skond il-gurisprudenza ta` dawn il-Qrati, l-intervenjent "in statu et terminis" mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis-sinifikat specifiku li l-espressjoni "parti" tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960. 961) li jirregolaw l-istitut ta` l-intervent f`kawza.."*

*L-Onorevoli Qorti ta` l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine** (1971) qalet:*

*"l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b`ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza."*

*L-Onorabbli Qorti ta` l-Appell (Kummercjali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **<u>Joseph Galea vs Alfred Cardona,</u>** deciza fit-28 ta` Lulju 1987, irriteniet illi:-*

*"l-intervenut fil-kawza, jekk it-talba tieghu tigi milqugha mill-Qorti, jigi mdahhal fil-kawza proprju fl-istadju u fit-termini li l-istess kawza kienet waslet. B`ebda mod pero`, dan l-intervenut fil-kawza ma jista` jwaqqaf il-procedura taghha";*

*Ghalhekk min jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis" mhux parti fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat; imma jista` jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Superjuri) tas-7 ta` Novembru 1988 fl-ismijiet **<u>Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff</u>** jinghad: `l-intervenut fil-kawza in statu et terminis ... mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti Ia bhala attur u anqas bhala konvenut fis-sens li la jista` `jigi kkundannat u anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza... sentenza ma tista` qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa fl-ebda kaz ma tista` sentenza tigi esegwita kontra tieghu.`*

*Il-Qorti ta` l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-31 ta` Jannar 1996 fl-ismijiet **<u>Joseph Buhagiar pro et noe vs Carmel sive Charles Psaila</u>** qalet:*

*"illi intervenut fil-kawza in statu et terminis ..., kif dejjem gie ukoll ritenut fis-sistema procedurali Malti, mhux meqjus proprjament bhala parti fil-kawza... Una volta l-intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawza, hu ma jistax bhala regola jigi liberat jew ikkundannat. Minn dan johrog li l-Qorti allura m`ghandha l-ebda obbligu tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet minnu moghtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddecidihom fir-rigward tieghu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghall-gudizzju, tkun qieset - kif ghandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tieghu. Hi pacifika d-distinzjoni fir-rwol ta` l-intervenut fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 960-962). Distinzjoni Ii ssib il-qofol taghha fil-fatt li l-kjamat fil-kawza a differenza ta` I-intervenut hu kkunsidrat bhala konvenut u jista` jigi lliberat jew ikkundannat. Il-Qorti ghandha allura fil-kaz tal-kjamat fil-kawza l-obbligu li tiddeciedi u tikkonsidra l-eccezzjoni minnu moghtija.`*

*Fis-sentenza tat-18 ta` Marzu 2004, il-Prim`Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco, fil-kawza fl-ismijiet **Gatt vs Montanaro** qalet:*

*"Illi huwa risaput u jikkostitwixxi dottrina stabbilita li l-intervenut fil-kawza jrid jaccetta l-kawza in statu et terminis, u ghalhekk ghandu jaccettaha fit-termini u flistadju li huwa jsibha fil-mument ta` l-intervent tieghu u ma jistax jerga` jiftah mill-gdid il-gbir tal-provi."*

*Fis-sentenza ta` l-10 ta` Jannar 2005 fl-ismijiet **Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

*"8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta` l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett filkawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta` dik il-kawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista` talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f`kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim, **Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Simon Tabone** Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004; **Angelo Abela vs Joseph Zahra u Napuljun Carabott** Qorti ta` l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f`dik il-kawza partikolari u mhux f`kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Filkaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta` certu tip, dan l-ezitu jista` jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma` proprjeta` li ma ghandha t`taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens tal- Artikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f`kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta` applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista` talvolta jkollu kawza li tinvolvi b`xi mod dak il-punt ikun jista` jintervjeni in statu et terminis – din il-Qorti ma tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq fil-kawza li kieku dan kellu jkun hekk."*

*Ukoll, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell fis-7 ta` Novembru 1988 flismijiet **<u>Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff</u>** fejn issemma li l-intervent in statu et terminis mhux imdahhal bhala parti fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti la bhala attur u lanqas bhala konvenut. Ghalhekk, fil-kaz ta` ezitu favorevoli ghalih, ma jistax jesegwixxi s-sentenza; u fil-kaz ta` ezitu sfavorevoli ghalih, is-sentenza ma tistax tigi ezegwita kontra tieghu.*

*Illi fuq dan il-punt il-Costa jirrileva li:- "il principio dell`accettazione della lite in statu et terminis deve intendersi sotto due profili: 1 l`interveniente non puo` opporre eccezioni, difese o prove gia` precluse alle parti; 2 all`interveniente si possono opporre tutti i fatti della gia` compiuta istruttoria, senza che egli possa a sua volta opporvi delle difese dei fatti ormai preclusi."*

*Is-Satta jemfasizza:-"il terzo possa dedurre prove, purche` queste si riferiscano non alla posizione delle parti ma al diritto che il terzo intende tutelare mediante il suo intervento".*

Diversament mill-posizzjoni ta` l-kjamat fil-kawza, l-intervenut fil-kawza la huwa attur u lanqas konvenut. La jista` jitlob il-hlas ta` l-ispejjez tieghu u anqas jista` jigi kkundannat ihallas spejjez. L-intervenut ma jistax jigi kundannat jew liberat. Sentenza ma tista` qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza jew kontra tieghu. Il-Qorti ghandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta` l-intervenut fil-kawza.

Dan premess, u ghar-ragunijiet ta` dritt fuq esposti, il-Qorti mhijiex sejra tippronunzja ruhha fil-parametri tal-kawza tal-lum dwar pretensjonijiet li l-intervenuti jista` jkollhom fir-rigward tal-ishma in kwistjoni u sejra taghti decizjoni dwar it-talbiet attrici kif promossi u dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif dedotti.

Il-Qorti sejra tipprovdi dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw l-ishma in kwistjoni billi tiddikjara li l-ishma in kwistjoni huma proprjeta` f`ishma ndaqs bejn l-atturi u l-eredi ta` Alfred Abela. Ghall-fini ta` kjarezza l-ishma in kwistjoni huma t-8,000 sehem fil-kumpannija Central Cement Limited u cioe` 920 Ordinary Shares D u 7080 Ordinary Shares E. Dawk l-ishma l-ohra li akkwistat Doris Abela wara l-mewt ta` zewgha mhux parti fil-vertenza u dwarhom xejn ma huwa pretiz mill-atturi.

Il-Qorti tishaq illi ladarba l-effett tal-kisba ta` gid minn prestanome huwa dak li l-haga ssir tal-mandant minnufih u mhux malli ssir it-talba lill-mandatarju, ma hux mehtieg li jithassar l-att li bih il-mandatarju jkun kiseb il-haga izda huwa bizzejjed li l-istess parti attrici wara li turi li tassew kien hemm tali mandat, tghaddi biex titlob l-ezekuzzjoni specifika. Ghaldaqstant, ma huwiex necessarju li jigi ordnat li jsiru xi atti ta` trasferiment biex jirriflettu dak li qed jigi kkonfermat u ordnat minn din il-Qorti, ossija li l-ishma in kwistjoni kienu sa minn dejjem u ghadhom proprjeta` ta` l-atturi u tal-mejjet Alfred Abela.

Il-Qorti tghid illi l-konvenuta Central Cement Limited kienet imharrka ghall-fini ta` integrita` tal-gudizzju u sabiex is-sentenza tkun effettiva anke fil-konfront taghha. Madanakollu jidher li s-socjeta` konvenuta imxiet skont l-istatut taghha.. Huwa minnu li sa mill-mument ta` inkorporazzjoni tas-socjeta` konvenuta, l-ishma kienu registrati fl-isem ta` isem Alfred Abela u ghalhekk wara li miet Alfred Abela s-socjeta` konvenuta mexxiet biex tittrasferixxi dawk l-ishma lill-eredi tieghu. Il-Qorti tqis illi s-socjeta` konvenuta hija ghal kollox estranea ghall-kontestazzjoni bejn il-partijiet l-ohra, u ghalhekk mhijiex sejra tinkorri spejjez.

## VII. <u>L-ahhar tliet talbiet attrici</u>

In vista ta` dak li pprovdiet dwar l-ewwel tliet talbiet attrici, il-Qorti sejra tilqa` r-raba` talba.

Ghar-rigward tal-hames u tas-sitt talbiet, jirrizulta mill-provi illi Alfred Abela miet fit-23 ta` Jannar 2006.

Mir-rendikont Dok CCL1 fol 64 sa fol 73, jirrizulta li bejn il-21 ta` Lulju 2006 u t-2 ta` Awissu 2016 thallsu b`kollox EUR 174,765.02 flimkien ma` Lm10,080 sabiex b`hekk it-total ta` *dividend*s imhallsa jammonta ghal EUR 198,245.10c.

Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu d-*dividend*s li kienu tqassmu minn Doris Abela lill-atturi liema *dividend*s jammontaw ghal Lm10,080.

Ghandhom jitnaqqsu wkoll id-*dividend*s li jidhru fl-4 ta` Gunju 2008 peress li mix-xiehda tar-rapprezentant ta` Central Cement Limited, jirrizulta li kien hemm apprezzament fix-shareholding, mhux hlas ta` *dividend*.

Ghalhekk trid titnaqqas ukoll is-somma ta` EUR 1,365.03.

B`hekk l-ammont ta` *dividend*s percepit mill-konvenuta u li nqasamx ma` l-atturi jammonta ghal EUR 173,399.99c.

Mill-figura ta` EUR 173,399.99c irid jitnaqqas ammont iehor peress li illi l-lista ezebita a fol 64 ma tispecifikax kemm kienu *dividends* fir-rigward ta` 8,000–il sehem li huma l-mertu ta` din il-kawza.

Ghal wara l-2011, hemm elenkati d-*dividends* li hargu ghar-rigward ta` 8,150 –il sehem.

Il-Qorti sejra tisharreg kif inhadmu d-*dividends* hekk kif delinjat mid-*dividend advices.* Minn hemm tasal ghall-kalkolu tad-*dividend* ghal 8,000-il sehem – mertu ta` din il-kawza.

Abbazi tal-kalkoli, jirrizulta illi :-

Fl-1 ta` Lulju 2011, il-*gross dividend per share* kien ta` EUR 1.66329598 biex b`hekk il-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 13,306.37c filwaqt li t-taxxa kienet EUR 1,995.96c biex b`hekk in-*net dividend* jammonta ghal EUR 11,310.41c. F`dik is-sena, kien hemm ukoll il-*gross dividend per share* ta` EUR 0.33670402 biex b`hekk il-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 2,693.63c filwaqt li t-taxxa kienet EUR 404.04c biex b`hekk in-*net dividend* jammonta ghal EUR 2,289.59c. Kien hemm ukoll *gross dividend per share* ta` EUR 0.47326797 biex b`hekk il-*gross dividend* u n-*net dividend* kien jammonta ghal EUR 3,786.14c, peress li dan kien ezenti minn hlas ta` taxxa. Kien hemm ukoll *gross dividend per share* ta` EUR 0.02673203 biex b`hekk il-*gross dividend* u n-*net dividend* kien jammonta ghal EUR 213.86c, peress li dan kien ezenti minn hlas ta` taxxa. B`hekk it-total ta` *net dividend* kien ta` **EUR 17,600.**

Fid-29 ta` Dicembru 2011, it-total tal-*gross dividend per share* kien ta` EUR 1.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR

8,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 1,200 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 6,800.**

Fit-22 ta` Gunju 2012, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR1.50 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 12,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 1,800 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 10,200**.

Fil-21 ta` Dicembru 2012, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR1.50 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 12,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 1,800 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 10,200.**

Fit-28 ta` Gunju 2013, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR3.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 24,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 8,400 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 15,600**.

Fl-14 ta` Dicembru 2013, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR1.50 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 12,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 4,200 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 7,800.**

Fil-31 ta` Lulju 2014, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR 2.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 16,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 5,600 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 10,400.**

Fid-19 ta` Dicembru 2014, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR1.50 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 12,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 4,200 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 7,800.**

Fl-24 ta` Gunju 2015, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR 2.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 16,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 5,600 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 10,400.**

Fil-21 ta` Dicembru 2015, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR 2.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 16,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 5,600 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 10,400.**

Fit-2 ta` Awissu 2016, it-total ta` *gross dividend per share* kien ta` EUR 4.00 biex b`hekk it-total tal-*gross dividend* kien jammonta ghal EUR 32,000 filwaqt li t-total tat-taxxa kienet EUR 11,200 biex b`hekk it-total tan-*net dividend* jammonta ghal **EUR 20,800**

Ghalhekk it-total tad-*dividends* percepiti mill-konvenuta ghall-ishma mertu ta` din il-kawza jammonta ghal total ta` **<u>EUR 171,000</u>** (u cioe` *supra* EUR 13,000 + EUR 13,000 + EUR 17,000 + EUR 17,600 + EUR 6,800 + EUR 10,200 + EUR 10,200 + EUR 15,600 + EUR 7,800 + EUR 10,400 + EUR 7,800 + EUR 10,400 + EUR 10,400 + EUR 20,800).

Mill-figura ta` EUR 171,000, kull wiehed mill-atturi irid jircievi kwart u cioe` EUR 42,750 kull wiehed.

Ghandhom jithallsu wkoll id-*dividend*s l-ohra li setghu thallsu tqassmu bejn it-2 ta` Awissu 2016 u d-data tal-lum.

## VIII. <u>Il-hames eccezzjoni tal-konvenuta Doris Abela</u>

Bil-hames eccezzjoni, Doris Abela eccepiet il-preskrizzjoni tat-talba tal-atturi ghall-hlas tad-*dividends.*

Tajjeb jinghad fil-pront illi l-konvenuta ma indikatx id-disposizzjoni li abbazi taghha ressqet l-eccezzjoni taghha.

Din il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni tal-atturi illi l-gurisprudenza taghna dejjem ghamlitha cara li qorti ma tistax *ex ufficio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata u li qorti ma ghandhiex takkolji eccezzjoni ta` preskrizzjoni jekk il-konvenut ma jindikax bi preciz taht liema artikolu qieghed jeccepixxi l-preskrizzjoni.

(ara s-sentenzi : Qorti ta` l-Appell Inferjuri - **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia** - 22 ta` Gunju 2005 ; PA - **Maltacom plc vs Salina Co Limited** - 30 ta` Novembru 2004 ; PA - **Donald Manche noe vs Joseph Said** -_28 ta` Gunju 2003 ; u PA - **Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd** -_10 ta` Lulju 2003 ; PA - **Air Malta plc vs Via Holidays & Travel Ltd** -_28 ta` Jannar 2002)

Anke ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti sejra taderixxi ma` din il-gurisprudenza, u ghalhekk sejra tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuta Doris Abela.

## IX. L-imghax

Il-Qorti qieset it-talba tal-atturi ghall-hlas tal-imghax kif dedotta fir-rikors guramentat.

L-atturi ghazlu li jitolbu li l-ammont jigi likwidat mill-qorti peress li ma kellhomx informazzjoni dwar x`kien l-ammont ta` *dividend*s li kien qed jinghata lill-eredi ta` Alfred Abela.

Mill-banda l-ohra, il-konvenuta kienet ben konsapevoli ta` kemm kien l-ammont ta` *dividend*s li qed tircievi.

Ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi partikolari ta` dan il-kaz, il-principju *in illiquidis non fit mora* mhuwiex applikabbli stante li d-dejn huwa cert u kien facilment determinat mid-debitrici l-konvenuta Doris Abela.

Bhala konsegwenza, il-Qorti sejra tilqa` t-talba ta` l-atturi ghall-imghax hekk kif mitlub.

Tajjeb jinghad illi fid-Dok CCL1 esebit minn John Mary Sammut jirrizultaw id-dati meta thallas kull *dividend* separat u distint.

Ghalhekk l-imghax ghandu jitqies illi beda jiddekkorri mid-data tal-hlas rispettiv ta` kull *dividend.*

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi u dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Central Cement Limited.**

**Tichad il-hames eccezzjoni tal-konvenuta Doris Abela.**

**Tichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuta Doris Abela.**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet tal-atturi kif dedotti.**

**Tilqa` l-hames talba tal-atturi billi tillikwida d-*dividend*s li thallsu mill-kumpannija konvenuta sat-2 ta` Awissu 2016 lill-konvenuta Doris Abela fl-ammont ta` mija wiehed u sebghin elf Ewro (€171,000).**

**Tilqa` s-sitt talba tal-atturi, billi tordna lill-konvenuta Doris Abela sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi l-ammont ta` tnejn u erbghin elf seba` mija u hamsin Ewro (€42,750), liema ammont jirrapprezenta a favur ta` kull attur il-kwart tad-*dividend*s hekk likwidati, bl-imghax legali kif mitlub mill-atturi, sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna wkoll lill-konvenuta Doris Abela sabiex thallas lil kull wiehed mill-atturi l-kwart ta` *dividends* ohra li setghet thallset minn Central Cement Limited ghar-rigward tal-ishma in kwistjoni wara t-2 ta` Awissu 2016, bl-imghax legali b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tordna lill-konvenuta Doris Abela sabiex thallas l-ispejjez taghha, dawk tal-atturi u dawk tal-konvenuta Central Cement**

**Limited, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta` Lulju 2010 u dawk tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni numru 768/2011.**

**Tordna lill-intervenuti fil-kawza sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**